IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.1.2019
COM(2019) 12 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Skemi ta' Ċittadinanza u ta' Residenza b'Investiment fl-Unjoni Ewropea

{SWD(2019) 5 final}

MT MT

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. Introduzzjoni

F'dawn l-aħħar snin kien hemm tendenza dejjem tikber ta' skemi ta' ċittadinanza b'investiment ("il-passaport tad-deheb") u ta' skemi ta' residenza b'investiment ("il-viża tad-deheb"), li għandhom l-għan li jattiraw l-investiment billi l-investituri jingħataw drittijiet ta' ċittadinanza jew ta' residenza tal-pajjiż ikkonċernat. Skemi bħal dawn qajmu tħassib dwar ċerti riskji inerenti, b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà, il-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa u l-korruzzjoni.

Tliet Stati Membri joperaw skemi ta' ċittadinanza b'investiment, fejn iċ-ċittadinanza tingħata taħt kundizzjonijiet anqas stretti mir-reġimi ta' naturalizzazzjoni ordinarji, b'mod partikolari mingħajr il-kundizzjoni li wieħed ikollu effettivament residenza minn qabel fil-pajjiż ikkonċernat[1]. Tali skemi għandhom implikazzjonijiet għall-Unjoni Ewropea kollha kemm hi, peress li kull persuna b'nazzjonalità ta' Stat Membru hija fl-istess waqt ċittadina tal-Unjoni. Fil-fatt, minkejja li dawn huma skemi nazzjonali, jiġu kkummerċjalizzati apposta u ta' sikwit irreklamati b'mod espliċitu bħala mezz biex tinkiseb iċ-ċittadinanza tal-Unjoni, flimkien mad-drittijiet u mal-privileġġi kollha assoċjati magħha, inkluż b'mod partikolari d-dritt għall-moviment liberu.

L-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment ivarjaw mill-iskemi ta' residenza b'investiment ("viża tad-deheb"), li għandhom l-għan li jattiraw l-investiment inkambju ta' drittijiet ta' residenza fil-pajjiż ikkonċernat, u jeżistu f'20 Stat Membru tal-UE. Madankollu, ir-riskji inerenti għal tali skemi huma simili għal dawk li jirriżultaw mill-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment. Apparti minn hekk, dawn l-iskemi jħallu impatt fuq Stati Membri oħra billi permess ta' residenza validu jagħti ċerti drittijiet lil ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jivvjaġġaw liberament b'mod partikolari fiż-żona Schengen.

Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2014[2], il-Parlament Ewropew esprima t-tħassib li l-iskemi nazzjonali li jinvolvu l-"bejgħ dirett jew espliċitu" taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, dgħajfu l-kunċett innifsu ta' ċittadinanza tal-Unjoni. Stieden lill-Kummissjoni biex tivvaluta d-diversi skemi ta' ċittadinanza nazzjonali fid-dawl tal-valuri Ewropej u l-ittra u l-ispirtu tal-leġiżlazzjoni u l-prassi tal-UE. Il-Kummissjoni kkuntattjat lill-awtoritajiet tal-Bulgarija, ta' Ċipru u ta' Malta għal informazzjoni ulterjuri dwar l-iskemi tagħhom. Matul dibattitu f'Mejju 2018, il-Parlament Ewropew iddiskuta sensiela ta' riskji assoċjati ma' skemi ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment.

Il-Kummissjoni, fir-Rapport tagħha tal-2017 dwar iċ-Ċittadinanza[3] ħabbret rapport dwar l-iskemi nazzjonali li jagħtu ċ-ċittadinanza tal-Unjoni lill-investituri li jiddeskrivi l-azzjoni tal-Kummissjoni f'dan il-qasam u janalizza l-prassi u l-liġi nazzjonali attwali, u jipprovdi xi

1 Ara t-Taqsima 2.3. aktar 'l isfel għal definizzjoni ta' residenza effettiva.

2 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2014 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE għall-bejgħ (2013/2995(RSP))

3 Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar It-tisħiħ tad-Drittijiet taċ-Ċittadini f'Unjoni ta' Tibdil Demokratiku: Rapport tal-2017 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE (COM/2017/030 final).

gwida lill-Istati Membri. Bi tħejjija għal dan ir-rapport, il-Kummissjoni kkummissjonat studju dwar il-leġiżlazzjoni u l-prassi li jirrigwardaw l-iskemi ta' ċittadinanza u ta' residenza fl-Istati Membri rilevanti kollha[4] u organizzat konsultazzjoni mal-Istati Membri. Dan ir-rapport iqis ukoll sorsi oħra rilevanti, inklużi pubblikazzjonijiet riċenti dwar is-suġġett[5].

Dan ir-rapport ikopri kemm l-iskemi ta' ċittadinanza kif ukoll ta' residenza b'investiment u jidentifika l-oqsma ewlenin ta' tħassib u r-riskji assoċjati mal-għoti taċ-ċittadinanza tal-Unjoni jew tad-drittijiet ta' residenza abbażi biss ta' investiment. B'mod partikolari, ir-rapport jippreżenta l-lakuni possibbli fis-sigurtà li jirriżultaw mill-għoti taċ-ċittadinanza mingħajr residenza minn qabel, kif ukoll riskji ta' ħasil tal-flus, korruzzjoni u evażjoni tat-taxxa assoċjati maċ-ċittadinanza jew residenza b'investiment. Jiddeskrivi wkoll sfidi fir-rigward tal-governanza u tat-trasparenza ta' skemi bħal dawn, jara kif dawn jistgħu jiġu indirizzati u jipprovdi qafas għat-titjib.

Ir-rapport huwa akkumpanjat minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, li jipprovdi informazzjoni ġenerali aktar dettaljata dwar l-iskemi ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment.

2. Skemi ta' ċittadinanza b'investiment fl-UE

2.1. Kuntest

Kif spjegat fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, in-nazzjonalità hija rabta bejn iċ-ċittadin u l-Istat, u hija "*r-relazzjoni partikolari ta' solidarjetà u ta' lealtà bejn [l-Istat Membru] u ċ-ċittadini tiegħu kif ukoll ir-reċiproċità tad-drittijiet u tad-dmirijiet li huma l-qafas tar-rabta taċ-ċittadinanza*"[6]. Ċittadinanza ta' pajjiż hija tradizzjonalment ibbażata fuq l-akkwiżizzjoni bi dritt mat-twelid (*ius sanguinis)* jew permezz tat-twelid fit-territorju (*ius soli*)[7]. L-Istati jagħtu wkoll il-possibbiltà lill-immigranti li jiġu naturalizzati bħala ċittadini, bil-kundizzjoni li jkunu jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet ta' integrazzjoni u/jew juru konnessjoni ġenwina mal-pajjiż, li tista' tinkludi ż-żwieġ ma' ċittadin(a) tiegħu[8]. L-Istati Membri kollha għandhom proċeduri ta' naturalizzazzjoni komuni bħal dawn.

---

4 Studju ta' inkjesta. Milieu Law and Policy Consulting, *Factual Analysis of Member States' Investor Schemes granting citizenship or residence to third-country nationals investing in the said Member State*, Brussell 2018 ("l-Istudju").

5 Ara b'mod partikolari, is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew *"Citizenship and residency by investment schemes in the EU: State of play, issues and impacts"*, Ottubru 2018, http://www.europarl.europa.eu/thinktank/en/document.html?reference=EPRS_STU(2018)627128; Transparency International/Global Witness, *European Getaway – Inside the Murky World of Golden Visas*, Ottubru 2018, https://www.transparency.org/whatwedo/publication/golden_visas

6 Is-Sentenza tat-2 ta' Marzu 2010, *Rottmann*, C-135/08, ECLI:EU:C:2010:104, il-paragrafu 51.

7 Għal ħarsa ġenerali sħiħa tat-tipi ta' akkwiżizzjoni taċ-ċittadinanza, inkluża ċ-ċittadinanza bi dritt mat-twelid, ara l-Bażi tad-*Data* Globali dwar il-Modi ta' Akkwiżizzjoni taċ-Ċittadinanza, disponibbli hawnhekk http://globalcit.eu/acquisition-citizenship/

8 Aktar dettall rigward in-naturalizzazzjoni permezz taż-żwieġ fl-Istati Membri tal-UE jinsab fl-Anness III tal-Istudju, *ibid*, nota 4. L-Istati Membri ġeneralment jieħdu passi biex jevitaw l-abbuż minn tali possibbiltajiet, pereżempju fil-kuntest taż-żwiġijiet ta' konvenjenza. L-awtoritajiet nazzjonali, biex jidentifikaw u jindirizzaw aħjar każijiet ta' nazzjonalità akkwiżita b'mod frawdolenti, huma mħeġġa jużaw intervisti jew kwestjonarji, verifiki tad-dokumenti u tal-preċedenti personali, spezzjonijiet jew verifiki bbażati fuq il-komunità filwaqt li jirrispettaw ir-restrizzjonijiet ġuridiċi, bħal dawk relatati mal-piż tal-provi jew mad-drittijiet fundamentali. Jistgħu wkoll jirrikorru għax-xebh bejn in-nazzjonalità akkwiżita b'mod

Diversi Stati Membri għandhom ukoll proċeduri ta' naturalizzazzjoni diskrezzjonali[9]. Skont dawn il-proċeduri, l-Istati Membri jistgħu fuq bażi individwali, jippremjaw lil barrani biċ-ċittadinanza abbażi tal-"interess nazzjonali". Dan jista' jsir għal kisba eċċezzjonali, pereżempju fil-qasam tal-kultura, ix-xjenza u l-isport. F'xi Stati Membri tal-UE, il-leġiżlazzjoni tipprevedi li l-"interess nazzjonali" jista' jkun assimilabbli għal interess ekonomiku jew kummerċjali[10]. F'każijiet individwali jistgħu jintużaw proċeduri ta' naturalizzazzjoni diskrezzjonali biex tingħata ċ-ċittadinanza inkambju ta' investiment. Proċeduri ta' naturalizzazzjoni diskrezzjonarji bħal dawn huma individwalizzati ferm u jintużaw fuq bażi limitata. Għaldaqstant, dan ir-rapport ma jittrattahomx.

Il-Bulgarija, Ċipru u Malta introduċew fl-2005, l-2007 u l-2013 rispettivament[11] skemi usa' bl-għan li jattiraw investiment minn ċittadini ta' pajjiżi terzi billi jiffaċilitaw l-aċċess għaċ-ċittadinanza tagħhom. Dawn l-iskemi huma forma ġdida ta' naturalizzazzjoni billi jagħtu b'mod sistematiku ċ-ċittadinanza tal-Istat Membru kkonċernat, bil-kundizzjoni li jsir l-investiment meħtieġ u jiġu ssodisfati ċerti kriterji[12].

Billi l-Bulgarija[13], Ċipru u Malta huma l-uniċi Stati Membri li joperaw skemi ta' ċittadinanza b'investiment, din it-taqsima tar-rapport tiffoka fuq il-leġiżlazzjoni u l-prattika ta' dawn il-pajjiżi.

2.2. Tip u ammont ta' investiment meħtieġ

L-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment għandhom l-għan li jattiraw l-investiment billi joffru ċ-ċittadinanza inkambju ta' ammont definit ta' flus. Fil-Bulgarija, jintalab investiment kumplessiv ta' EUR 1 miljun taħt l-iskema tagħha ta' ċittadinanza b'investiment bi proċedura mħaffa[14]. F'Ċipru, huwa meħtieġ investiment minimu ta' EUR 2 miljun, flimkien mas-sjieda ta' proprjetà f'Ċipru. F'Malta, trid titħallas kontribuzzjoni ta' EUR 650 000 f'fond ta' investiment nazzjonali, flimkien ma' investiment ta' EUR 150 000 u rekwiżit ta' sjieda jew kera ta' proprjetà f'Malta[15]. F'Ċipru u f'Malta, huma meħtieġa investimenti addizzjonali għall-membri tal-familja.

---

frawdolenti u d-dritt ta' residenza akkwiżit permezz taż-żwiġijiet ta' konvenjenza maċ-ċittadini tal-Unjoni (ara l-Manwal tal-Kummissjoni dwar iż-żwiġijiet ta' konvenjenza (COM/2014/604 final)).

9 Għal aktar dettall ara l-Anness III tal-Istudju, *ibid*, nota 4.

10 Il-pajjiżi fejn il-leġiżlazzjoni espliċitament tassimila l-"interess nazzjonali" mal-interess ekonomiku jew kummerċjali tal-istat huma l-Awstrija, il-Bulgarija, is-Slovenja u s-Slovakkja. Għad-dettalji, ara l-Ħarsa Ġenerali dwar l-Istudju, *ibid*, nota 4.

11 Għad-dettalji ta' dawn l-iskemi ara l-Istudju, *ibid*, nota 4.

12 Ara J. Dzankic, *The pros and cons of ius pecuniae: investor citizenship in comparative perspective*, Iċ-Ċentru għall-Istudji Avvanzati Robert Schuman, l-Osservatorju EUDO, Ħarġa 14.

13 Fil-Bulgarija, fil-15 ta' Frar 2018, ġie stabbilit grupp ta' ħidma mill-Ministeru tal-Ġustizzja biex jitfasslu emendi għall-Att dwar iċ-Ċittadinanza tal-Bulgarija, inkluż għall-iskema ta' ċittadinanza b'investiment li l-Bulgarija qed tikkunsidra li tabolixxi fil-ġejjieni.

14 Id-dettalji tad-differenza bejn l-iskema b'investiment bi proċedura mħaffa u l-iskema b'investiment ordinarju fil-Bulgarija jinsabu fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

15 Ir-Regolament 7(5) ta' LN 47/2014 jesiġi li l-applikant ewlieni jrid jakkwista u jżomm proprjetà immobbli residenzjali f'Malta li bħala minimu jkollha valur ta' EUR 350 000; jew (b) jikri proprjetà immobbli residenzjali waħda f'Malta versu kera annwali ta' EUR 16 000.

Fost it-tliet Stati Membri li joperaw skemi ta' ċittadinanza b'investiment, wieħed jista' josserva diversi opzjonijiet ta' investiment. investiment kapitali[16]; investiment fil-proprjetà immobbli[17]; investiment f'bonds tal-gvern[18]; u kontribuzzjonijiet ta' darba għall-baġit tal-Istat[19]. Apparti r-rekwiżit ta' investiment, l-applikanti jridu jħallsu wkoll tariffi amministrattivi li ma jeħduhomx lura bħala parti mill-proċess tal-applikazzjoni. Ċipru u Malta għandhom tariffi ferm ogħla minn dawk tal-Bulgarija[20].

2.3. Residenza jew rabtiet oħra meħtieġa mal-Istat Membru

Fit-tliet Stati Membri kkonċernati, jinħareġ permess ta' residenza għall-applikanti fil-bidu tal-proċedura ta' applikazzjoni għaċ-ċittadinanza. Li wieħed ikun sempliċiment detentur ta' permess ta' residenza għall-perjodu ta' żmien meħtieġ ikun biżżejjed biex jikkwalifika għall-iskema. Madankollu, mhijiex meħtieġa residenza effettiva ta' dak li jkun, li tfisser il-preżenza fiżika għal perjodu regolari u estiż fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat filwaqt li jkun detentur tal-permess.

F'Malta hemm l-obbligu li dak li jkun ikollu l-karta ta' residenza elettronika ("e-Residence") għal minn tal-inqas 12-il xahar qabel jinħariġlu ċ-ċertifikat ta' naturalizzazzjoni. F'Ċipru, l-applikanti jridu jkunu detenturi ta' permess ta' residenza għal minn tal-inqas sitt xhur qabel ma jinħarġilhom ċertifikat ta' naturalizzazzjoni. Fil-Bulgarija, l-applikanti jridu jkunu detenturi ta' permess ta' residenza permanenti għalħames snin (skema ordinarja) jew għal sena (skema bi proċedura mħaffa) sabiex ikunu jistgħu japplikaw għaċ-ċittadinanza tal-Bulgarija.

Dan ifisser li l-applikanti jistgħu jiksbu ċ-ċittadinanza tal-Bulgarija, Ċipru jew Malta, u b'hekk iċ-ċittadinanza tal-Unjoni, mingħajr fil-fatt qatt ma jkunu rrisjedew fl-Istat Membru. F'Malta, l-applikanti jridu jkunu preżenti fiżikament biex jipprovdu d-*data* bijometrika għall-Karta ta' residenza elettronika u biex jieħdu l-ġurament ta' lealtà[21]. Jaf ukoll ikun hemm bżonn ta' intervista personali mal-applikant f'Malta. Fil-Bulgarija, il-preżenza tal-applikant hija meħtieġa għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għaċ-ċittadinanza u f'Ċipru għall-ġbir tal-permess ta' residenza.

L-istudju stħarreġ ukoll fatturi oħra, apparti r-residenza fiżika, li probabbilment jaf joħolqu rabta bejn l-applikant għaċ-ċittadinanza u l-pajjiż ikkonċernat. Fil-Bulgarija, l-applikanti jridu jagħmlu intervista ta' applikazzjoni, iżda huma eżenti mill-kundizzjonijiet li jkollhom ħakma tal-lingwa Bulgara jew li jagħtu prova tal-għarfien dwar il-ħajja pubblika Bulgara. L-awtoritajiet ta' Ċipru jikkunsidraw li l-investiment f'Ċipru huwa minnu nnifsu rabta

[16] Skont il-mudell tal-kapital, ir-rekwiżit huwa li tiġi investita somma definita (1) f'kumpanija (il-Bulgarija, Ċipru) jew (ii) fi strumenti ta' istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu bħall-fondi ta' investiment jew fondi fiduċjarji (il-Bulgarija, Ċipru, Malta).

[17] Dan il-mudell jirrikjedi l-bejgħ jew il-kiri ta' proprjetà immobbli ta' valur definit (Ċipru, Malta). Aktar dettalji jinsabu fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

[18] Il-bonds jinxtraw mill-investituri mingħand il-gvernijiet (il-Bulgarija, Malta).

[19] Il-leġiżlazzjoni ta' Malta tesiġi li titħallas "kontribuzzjoni" lill-gvern Malti, li tiġi ddepożitata fil-Fondi għall-Iżvilupp Nazzjonali.

[20] Il-Bulgarija titlob tariffa ta' EUR 650 għal kull applikazzjoni; Ċipru jitlob EUR 7 000 għall-applikant ewlieni u EUR 7 000 għall-konjuġi; Malta titlob total ta' EUR 8 200 għall-applikant ewlieni u EUR 5 500 għall-konjuġi.

[21] Informazzjoni kkonfermata permezz ta' konsultazzjoni mal-parti kkonċernata nazzjonali (Identità Malta, l-awtorità kompetenti, it-8 ta' Marzu 2018), miksuba għall-finijiet tal-Istudju, *ibid*, nota 4.

suffiċjenti bejn l-applikant u Ċipru. Ta' min wieħed jinnota li, skont id-deċiżjoni rilevanti tal-Kunsill tal-Ministri ta' Ċipru, il-kriterju tar-residenza rikjest skont il-proċedura ta' naturalizzazzjoni komuni tiegħu huwa sostitwit bi kriterju ta' investiment[22]. Fl-istadju finali tal-proċess ta' naturalizzazzjoni, l-applikanti għaċ-ċittadinanza Maltija jiġu mistoqsija dwar ir-rabtiet tagħhom ma' Malta. L-applikanti jintalbu jipprovdu karti tal-imbarkazzjoni li juri li vjaġġaw lejn Malta, u jekk għandhomx evidenza oħra, pereżempju, donazzjonijiet lill-organizzazzjonijiet tal-karità f'Malta, sħubija fi klabb sportiv, kulturali jew soċjali lokali jew jekk iħallsux it-taxxa fuq l-introjtu lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ta' Malta[23]. L-applikanti huma mħeġġa wkoll biex jistabbilixxu negozju f'Malta.

2.4. Skemi ta' ċittadinanza b'investiment u d-dritt tal-UE

F'konformità mat-Trattati, kwalunkwe persuna li ssir ċittadina ta' Stat Membru hija ċittadina tal-Unjoni[24]. Iċ-ċittadinanza tal-Unjoni hija intiża sabiex tkun l-istat fundamentali taċ-ċittadini tal-Istati Membri[25]. Deċiżjoni minn Stat Membru wieħed li jagħti ċ-ċittadinanza inkambju ta' investiment **awtomatikament tikkonferixxi drittijiet**[26] f'rabta ma' Stati Membri oħra, b'mod partikolari drittijiet ta' moviment liberu, id-dritt tal-vot u d-dritt ta' kandidatura fl-elezzjonijiet lokali u tal-PE, id-dritt għall-protezzjoni konsulari fin-nuqqas ta' rappreżentanza barra mill-UE u drittijiet ta' aċċess għas-suq intern għall-eżerċitar ta' attivitajiet ekonomiċi. Huma preċiżament il-benefiċċji taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, b'mod partikolari d-drittijiet tal-moviment liberu, li jiġu ta' sikwit irreklamati bħala l-fatturi attraenti prinċipali ta' tali skemi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE kkonstatat, f'dik li issa hija ġurisprudenza stabbilita, li, filwaqt li d-definizzjoni tal-kundizzjonijiet tal-ksib u tat-telf taċ-ċittadinanza taqa' taħt il-kompetenza ta' kull Stat Membru, dan irid isir b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni[27]. Li jkun osservat id-dritt tal-UE jfisser li jitqiesu r-regoli kollha li jifformaw parti mill-ordni legali tal-Unjoni u jinkludi l-osservanza tan-normi u tal-użanzi skont id-dritt internazzjonali billi tali normi u użanzi jifformaw parti mid-dritt tal-UE[28].

Il-kawża *Nottebohm* tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja tistabbilixxi li, sabiex in-nazzjonalità akkwiżita permezz tan-naturalizzazzjoni tiġi rikonoxxuti fix-xena internazzjonali,

---

22 L-Artikolu 111A, il-paragrafu (2) tal-Liġijiet dwar ir-Reġistru Ċivili, ippubblikati fit-30 ta' April 2013.

23 Ara r-Riżultat B.I tal-Istudju, *ibid*, nota 4; kif ukoll l-Uffiċċju tar-Regolatur għall-Programm tal-Investitur Individwali (URpii), *Ir-Raba' Rapport Annwali dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tal-Gvern ta' Malta* (l-1 ta' Lulju 2016 – it-30 ta' Ġunju 2017), Novembru 2017, p. 32: https://oriip.gov.mt/en/Documents/Reports/Annual%20Report%202017.pdf

24 L-Artikolu 9 TUE u l-Artikolu 20(1) TFUE.

25 Is-Sentenza tal-20 ta' Settembru 2001, *Grzelczyk*, C-184/99, ECLI:EU:C:2001:458, il-paragrafu 31.

26 Ara l-Artikolu 20(2) TFUE.

27 Is-Sentenza tas-7 ta' Lulju 1992, *Micheletti u Oħrajn vs Delegación del Gobierno en Cantabria*, C-369/90, ECLI:EU:C:1992:295, il-paragrafu 10; Is-Sentenza tal-11 ta' Novembru 1999, *L-Istat Belġjan vs Mesbah*, C-179/98, ECLI:EU:C:1999:549, il-paragrafu 29; Is-Sentenza tal-20 ta' Frar 2001, *Kaur*, C-192/99, ECLI:EU:C:2001:106, il-paragrafu 19. Is-Sentenza tad-19 ta' Ottubru 2004, *Zhu u Chen*, C-200/02, ECLI:EU:C:2004:639, il-paragrafu 37; Is-Sentenza tat-2 ta' Marzu 2010, *Rottmann*, C-135/08, ECLI:EU:C:2010:104, il-paragrafu 39; ara wkoll il-Kawża C-221/17 *Tjebbes*, pendenti.

28 Ara l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Maduro fil-Kawża C-135/08 *Rottmann*, il-paragrafi 28-29; rigward l-impatt tad-dritt internazzjonali fuq id-dritt tal-UE, ara: Is-Sentenza tal-14 ta' Mejju 1974, 3, *Nold KG vs il-Kummissjoni*, il-Kawża 4-73, ECLI:EU:C:1974:51; Is-Sentenza tal-24 ta' Novembru 1992, *Anklagemindigheden vs Poulsen u Diva Navigation*, C-286/90, ECLI:EU:C:1992:453, il-paragrafi 9 u 10, u s-Sentenza tas-16 ta' Ġunju 1998, *Racke vs Hauptzollamt Mainz*, C-162/96, ECLI:EU:C:1998:293, il-paragrafi 45 u 46.

għandha tingħata abbażi ta' konnessjoni ġenwina bejn l-individwu u l-Istat inkwistjoni[29]. Ir-"rabta tan-nazzjonalità" hija tradizzjonalment ibbażata fuq konnessjoni ġenwina mal-poplu tal-pajjiż (permezz tad-dixxendenza, oriġini jew żwieġ) jew inkella fuq konnessjoni ġenwina mal-pajjiż, stabbilita permezz tat-twelid fil-pajjiż jew inkella permezz ta' residenza minn qabel effettiva fil-pajjiż għal durata sinifikanti. Jistgħu jkunu meħtieġa elementi oħra biex jixhdu r-rabta ġenwina mal-pajjiż, bħall-għarfien tal-lingwa nazzjonali u/jew tal-kultura tal-pajjiż, u rabtiet mal-komunità. L-eżistenza ta' dawn ir-rekwiżiti fir-reġimi tan-nazzjonalità tal-Istati Membri tikkonferma li l-Istati Membri, ġeneralment, jikkunsidraw l-istabbiliment ta' rabta ġenwina bħala kundizzjoni meħtieġa biex jaċċettaw lil ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-soċjetajiet tagħhom bħala ċittadini.

Fuq fehim komuni bħal dan tar-rabta tan-nazzjonalità hija wkoll imsejsa l-aċċettazzjoni tal-Istati Membri li ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u d-drittijiet li ġġib magħha skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) ikunu dovuti awtomatikament lil kull persuna li ssir ċittadina tagħhom.

L-għoti tan-naturalizzazzjoni abbażi biss ta' pagament fi flus, mingħajr l-ebda kundizzjoni ulterjuri li turi l-eżistenza ta' rabta ġenwina mal-Istat Membru li jagħti n-nazzjonalità u/jew maċ-ċittadini tiegħu jitbiegħed mill-modi tradizzjonali ta' għoti tan-nazzjonalità fl-Istati Membri u jaffettwa liċ-ċittadinanza tal-Unjoni.

Billi skont l-Artiklu 20 TFUE, iċ-ċittadinanza tal-Unjoni hija konsegwenza awtomatika ta' li wieħed ikollu n-nazzjonalità ta' Stat Membru u Stat Membru ospitanti ma jistax jillimita d-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni naturalizzati għal raġunijiet li n-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor tkun inkisbet mingħajr ebda rabta ma' dak l-Istat Membru li jagħti n-nazzjonalità[30], kull Stat Membru jeħtieġlu jiżgura li n-nazzjonalità ma tingħatax bla ebda rabta ġenwina mal-pajjiż jew maċ-ċittadini tiegħu[31].

Il-Kummissjoni kellha diskussjonijiet mal-awtoritajiet Maltin u Ċiprijotti dwar l-inklużjoni ta' kriterju ta' residenza effettiva fil-leġiżlazzjoni tagħhom dwar iċ-ċittadinanza b'investiment[32]. Dan wassal biex Malta, fl-2014, introduċiet fil-leġiżlazzjoni tagħha, rekwiżit ta' "prova ta' residenza" għal tnax-il xahar[33]. Fil-prattika, dan ir-rekwiżit jitqies li jkun issodisfat jekk l-

---

29 Is-Sentenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja tas-6 ta' April 1955, *Nottebohm*, QIĠ. Reports 1955, p. 4, disponibbli hawnhekk https://www.icj-cij.org/files/case-related/18/018-19550406-JUD-01-00-EN.pdf

30 Ara, f'rabta mal-libertà tal-istabbiliment, id-dikjarazzjoni ċara tal-Qorti fil-kawża C-369/90, *Micheletti*, il-paragrafu 10: "Under international law, it is for each Member State, having due regard to Community law, to lay down the conditions for the acquisition and loss of nationality. However, it is not permissible for the legislation of a Member State to restrict the effects of the grant of the nationality of another Member State by imposing an additional condition for recognition of that nationality with a view to the exercise of the fundamental freedoms provided for in the Treaty."; ara wkoll il-Kawża C-165/16, *Lounes*, il-paragrafu 55: "Issa, Stat Membru ma jistax jillimita l-effetti li jirriżultaw mill-pussess tan-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor, b'mod partikolari d-drittijiet li huma marbuta magħha bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni, u li jirriżultaw mill-eżerċizzju, minn ċittadin, tal-libertà ta' moviment tiegħu.".

31 Il-prinċipju tal-kooperazzjoni leali ma' Stati Membri oħra u mal-Unjoni stipulat mill-Artikolu 4(3) TUE, jobbliga lill-Istati Membri biex joqogħdu lura milli jieħdu miżuri li jistgħu jipperikolaw il-kisba tal-objettivi tal-Unjoni.

32 Ara d-Dikjarazzjoni Konġunta għall-Istampa tad-29 ta' Jannar 2014 maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Awtoritajiet Maltin, http://europa.eu/rapid/press-release_MEMO-14-70_en.htm. Saru diversi skambji bejn l-awtoritajiet ta' Malta u ta' Ċipru, rispettivament.

33 Ir-Regolament 7(12) ta' LN 47/2014 (ir-Regolamenti dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta) jirrikjedi prova li l-applikant ewlieni kien residenti f'Malta għal żmien ta' mill-inqas

applikant jikseb permess ta' residenza biex jirrisjedi f'Malta, anki mingħajr residenza fiżika, jipprovdi l-karti tal-imbarkazzjoni, u possibbilment evidenza, pereżempju, ta' donazzjonijiet lil organizzazzjonijiet tal-karità f'Malta, sħubija fi klabbs sportivi lokali jew ħlas tat-taxxa fuq l-introjtu lil Malta. Ċipru wkoll biddel il-leġiżlazzjoni tiegħu fl-2016 biex, fl-iskema tiegħu ta' ċittadinanza b'investiment, jesiġi li l-applikanti u l-membri tal-familja tiegħu jkollhom permessi ta' residenza[34]. Il-Kummissjoni se tkompli twettaq monitoraġġ tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni.

3. Skemi ta' Residenza b'Investiment fl-UE

3.1. Kuntest

Filwaqt li xi skemi ta' residenza b'investiment inbdew fil-bidu tas-snin 2000, il-kriżi finanzjarja li bdiet fl-2007 wasslet biex aktar Stati Membri jadottaw dawn l-iskemi, jew jerġgħu jadottaw skemi preċedenti. Din ix-xejra baqgħet għaddejja tul dawn l-aħħar 10 snin u dawn l-iskemi llum il-ġurnata jeżistu f'20 Stat Membru[35].

Il-karatteristiċi tagħhom ivarjaw bil-bosta b'mod partikolari fir-rigward tal-investiment li għandu jsir, kemm fin-natura tiegħu kif ukoll fl-ammont. Jistgħu jiġu osservati ħames tipi ta' investiment: investiment ta' kapital[36], investiment fil-proprjetà immobbli[37], investiment fil-bonds tal-gvern[38], donazzjoni jew dotazzjoni ta' attività li tikkontribwixxi għall-ġid pubbliku[39], u kontribuzzjonijiet ta' darba għall-baġit tal-Istat[40]. Dawn l-opzjonijiet ma jeskludux lil xulxin, xi Stati Membri jippermettu tipi differenti ta' investiment u investiment imħallat.

tnax-il xahar qabel il-jum tal-ħruġ taċ-ċertifikat ta' naturalizzazzjoni. Madankollu, it-terminu "prova ta' residenza" ma ngħatax definizzjoni ulterjuri. Ara l-Istudju, *ibid*, nota 4.

34 Id-Deċiżjoni Nru 834 tal-Kunsill tal-Ministri ta' 13.9.2016

35 Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja u r-Renju Unit. L-Ungerija ssospendiet l-iskema tagħha f'April 2017. Għal aktar dettalji dwar l-identifikazzjoni ta' dawn l-iskemi, ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ta' akkumpanjament.

36 Skont il-mudell tal-kapital, ir-rekwiżit huwa li tiġi investita somma definita (1) f'kumpanija irrispettivament mir-rwol li jkollu l-investitur fil-kumpanija jew mit-titlu li taħtu l-investitur jipparteċipa fil-kumpanija – sid, azzjonist, maniġer (il-Bulgarija, l-Estonja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, il-Latvja, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, ir-Renju Unit) jew (ii) fi strumenti ta' istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu bħall-fondi ta' investiment jew fondi fiduċjarji (il-Bulgarija, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, Ċipru, il-Latvja, in-Netherlands, il-Portugall).

37 Dan il-mudell jirrikjedi l-bejgħ jew il-kiri ta' proprjetà immobbli ta' valur definit (l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Ċipru, il-Latvja, Malta, Portugall). Il-kiri huwa possibbli f'Malta u fil-Greċja. Aktar dettalji jinsabu fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

38 Il-bonds ta' valur definit jinxtraw mill-investituri mingħand il-Gvern. Dawn il-bonds jimplikaw ħlas lura f'data ta' maturità, b'rata tal-imgħax definita (il-Bulgarija, Spanja, l-Italja, il-Latvja, l-Ungerija, Malta u r-Renju Unit).

39 Il-kapital jiġi investit fi proġett pubbliku ta' benefiċċju għall-arti, l-isport, is-saħħa, il-kultura jew l-edukazzjoni, donazzjonijiet filantropiċi, attivitajiet artistiċi u ta' riċerka (l-Irlanda, l-Italja, il-Portugall).

40 Dan jirrikjedi l-ħlas dirett ta' ammont speċifiku ta' flus lill-Istat (il-Latvja, Malta) u ma jinkludix il-ħlas lura, kuntrarjament għall-bonds.

F'termini ta' ammont, l-iskala tvarja minn investiment tassew baxx (taħt il-EUR 100 000[41]) għal investiment ferm għoli ('il fuq minn EUR 5 miljun[42]).

Apparti dawn, jista' jintalab investiment mhux finanzjarju bħall-ħolqien tal-impjiegi jew il-kontribut għall-ekonomija[43].

Kemm il-proċeduri kif ukoll il-kundizzjonijiet marbuta mal-preżenza fiżika fl-Istat Membru li jagħti drittijiet ta' residenza, ivarjaw sew[44].

3.2. Skemi ta' residenza b'investiment u d-dritt tal-UE dwar il-migrazzjoni legali

Id-dritt tal-UE jirregola l-kundizzjoni għad-dħul fit-territorju għal kategoriji speċifiċi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi[45]. L-għoti ta' permess ta' residenza lill-investituri minn pajjiżi terzi bħalissa mhuwiex irregolat fil-livell tal-UE u jibqa' rregolat mid-dritt nazzjonali[46].

Madankollu, permess ta' residenza mogħti abbażi ta' skema ta' residenza b'investiment stabbilita fi Stat Membru jħalli impatt ukoll fuq Stati Membri oħra. Permess ta' residenza validu jiftaħ il-bibien biex ċittadin ta' pajjiż terz jivvjaġġa liberament fiż-żona Schengen[47] għal 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum. Jippermetti aċċess għal soġġorni qosra fil-Bulgarija, fil-Kroazja, f'Ċipru u fir-Rumanija abbażi ta' rikonoxximent unilaterali tal-permessi ta' residenza minn dawn l-Istati Membri. Għaldaqstant huwa essenzjali li jsiru l-

41 L-ammont minimu fil-Kroazja huwa ta' HRK 100 000 (madwar EUR 13 500). F'ċerti każijiet, bħal fil-Greċja għall-opzjoni "investiment strateġiku", l-ammont mhux speċifikat bil-liġi u jitħalla għad-diskrezzjoni tal-awtoritajiet.

42 Is-Slovakkja u l-Lussemburgu.

43 Ħolqien tal-impjiegi fil-Bulgarija, fiċ-Ċekja, Spanja, Franza, fil-Kroazja, fil-Latvja, fin-Netherlands, fil-Portugall, fir-Rumanija u l-kontribut għall-ekonomija fil-Bulgarija, fiċ-Ċekja, fil-Greċja u fi Spanja. B'mod aktar preċiż, il-kriterju ta' "kontribut għall-ekonomija" għandu għamliet differenti: irid ikun "speċifiku għal reġjun żvantaġġat ekonomikament" fil-Bulgarija; l-investiment irid isir "fl-interessi tal-pajjiż jew tar-reġjun" fiċ-Ċekja; il-leġiżlazzjoni Griega tipprevedi "investiment strateġiku" mingħajr ma tiddefinixxi l-kunċett; Spanja tirrikjedi proġett ta' negozju ta' "interess ġenerali".

44 Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal għal ħarsa ġenerali ta' dawn l-iskemi.

45 Il-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni legali armonizzat il-kundizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċerti kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u tathom drittijiet sabiex ikun żgurat trattament ġust vis-à-vis iċ-ċittadini tal-UE. Ara: id-Direttiva dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familja (2008/86/KE); id-Direttiva dwar ir-Residenti għat-Tul (2008/109/KE); id-Direttiva dwar il-"Karta Blu" tal-UE li tkopri l-ħaddiema bi kwalifiki għolja (2009/50/KE); id-Direttiva dwar il-Ħaddiema Staġonali (2014/36/UE); id-Direttiva dwar il-Ħaddiema bi Trasferiment Intrażjendali (2014/66/UE); id-Direttiva (UE) 2016/801 dwar ir-Riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (riformulazzjoni). Id-Direttiva dwar il-Permess Uniku (2011/98/UE) ma tkoprix kategorija bħal din iżda hija direttiva qafas li tistabbilixxi r-regoli tal-UE għal applikazzjoni unika/permess uniku u dispożizzjonijiet ta' trattament indaqs għall-impjegati tal-pajjiżi terzi. Kun af li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jeskludi l-impjieg indipendenti. Ta' min wieħed jieħu nota tal-fatt li r-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka, abbażi tal-Protokolli 21 u 22 annessi mat-Trattati, mhumiex marbuta bl-*acquis* dwar il-migrazzjoni legali.

46 Dan huwa wieħed mis-suġġetti li bħalissa qed ikun eżaminat fil-kuntest tal-analiżi li saret permezz ta' evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-migrazzjoni legali – Evalwazzjoni skont il-programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT) tal-Kummissjoni Ewropea: https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/legal-migration/fitness-check_en

47 Iż-żona Schengen, jiġifieri ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, bħalissa tinkludi 26 pajjiż, li minnhom 22 huma Stati Membri: il-Belġju, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja u erba' pajjiżi assoċjati (l-Iżvizzera, in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein).

verifiki rilevanti kollha, b'mod partikolari l-verifiki tas-sigurtà, qabel ma jinħareġ permess bħal dan (ara t-Taqsima 4 aktar 'l isfel).

Barra minn hekk, jista' jkun hemm impatt fuq l-akkwiżizzjoni tal-istatus ta' Residenza għat-Tul tal-UE, li jingħata lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ilhom jirrisjedu legalment u kontinwament fi Stat Membru tal-UE għal ħames snin[48]. Dan l-istatus jagħti liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ċerti drittijiet[49] abbażi tad-durata tar-residenza tagħhom fi Stat Membru u l-fatt li jkunu stabbilew l-għeruq tagħhom fl-Istat Membru kkonċernat. Il-preżenza kontinwa fl-Istat ospitanti hija aspett u kundizzjoni essenzjali li fuqha jissejjes dan l-istatus.[50] Minflok, mill-istudju rriżulta li f'bosta Stati Membri,[51] ir-rekwiżit ta' residenza skont l-iskemi ta' residenza b'investiment ma jirrikjedix il-preżenza fiżika kontinwa. F'xi wħud minnhom, il-liġi speċifikament tirrikjedi biss il-preżenza tal-investituri għal perjodu limitat ħafna (pereż. sebat ijiem fis-sena fil-Portugall, jew biss fil-jum ta' applikazzjoni f'Malta, fil-Greċja u fil-Bulgarija).

Peress li r-residenza effettiva skont l-iskemi ta' residenza b'investiment tista' tkun eskluża direttament, limitata jew inkella lanqas biss tkun preskritta skont il-liġijiet nazzjonali, il-monitoraġġ effettiv tal-kundizzjoni ta' residenza jidher li jippreżenta diversi sfidi.

Dan ifisser li jista' jagħti l-każ li, fin-nuqqas ta' monitoraġġ veru u proprju tal-kontinwità tar-residenza, l-investituri meqjusa bħala residenti fi Stat Membru abbażi ta' permess nazzjonali għal ħames snin jistgħu jiksbu l-istatus ta' Residenti għat-Tul tal-UE u d-drittijiet sussegwenti, b'mod partikolari d-drittijiet għall-mobbiltà, mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjoni effettiva ta' kontinwità ta' residenza għal ħames snin. Dan ma jkunx konformi mad-Direttiva dwar ir-Residenza għat-Tul. Il-Kummissjoni se twettaq monitoraġġ tal-konformità mill-Istati Membri sabiex taċċerta li dawn jimplimentaw korrettament il-kundizzjoni marbuta mal-kontinwità tar-residenza skont id-Direttiva.

Apparti minn hekk, id-detenzjoni ta' permess ta' investiment nazzjonali jagħti lok għad-drittijiet għal riunifikazzjoni tal-familja taħt id-Direttiva tar-Riunifikazzjoni tal-Familja[52], dment li l-applikanti jissodisfaw il-kundizzjonijiet. F'dan il-kuntest, ta' min wieħed isemmi li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-membri tal-familja tal-investituri mhumiex soġġetti għad-diliġenza dovuta msaħħa, li jista' jwassal għal riskji għas-sigurtà[53].

48 Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44).

49 Id-drittijiet mogħtija skont dan l-istatus huma d-drittijiet proċedurali, id-drittijiet ta' trattament indaqs f'għadd ta' oqsma (pereż. l-aċċess għall-impjieg u għall-impjieg indipendenti, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, ir-rikonoxximent tad-diplomi professjonali, is-sigurtà soċjali u l-assistenza soċjali, il-benefiċċji tat-taxxa, l-aċċess għall-beni u s-servizzi u l-libertà ta' assoċjazzjoni), u faċilitazzjoni tad-dritt għall-moviment u r-residenza (għal aktar minn tliet xhur) fi Stat Membru apparti dak li jkun ta l-istatus ta' residenza għat-tul, dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.

50 Skont id-Direttiva, il-kontinwità tal-preżenza tiġi interrotta b'assenzi ta' aktar minn sitt xhur ta' assenza konsekuttiva jew assenza kumplessiva li taqbeż l-10 xhur f'perjodu ta' ħames snin.

51 Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Franza, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, ir-Renju Unit.

52 Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU L 251, 3.10.2003).

53 Ara "European Getaway: Inside the Murky World of Golden Visas", Transparency International, Ottubru 2018, pp. 6 u 37.

3.3. Ir-rabta bejn l-iskemi ta' residenza b'investiment u l-proċeduri ta' naturalizzazzjoni

L-iskemi ta' residenza b'investiment jistgħu wkoll iħallu impatt fuq l-akkwiżizzjoni taċ-ċittadinanza. Permess ta' residenza akkwiżit permezz ta' investiment jista' jintuża skont il-proċeduri ta' naturalizzazzjoni ordinarji ta' diversi Stati Membri[54] għall-istabbiliment tar-rabta ġenwina mal-pajjiż mingħajr ma jiġu ssodisfati rekwiżiti oħra. Fi kliem ieħor, permess ta' residenza miksub permezz ta' investiment, u xi drabi mingħajr ma tkun tenħtieġ ebda preżenza fiżika, jista' jipprovdi aċċess bi proċedura mħaffa jew iwassal għal residenza permanenti u mbagħad għaċ-ċittadinanza[55]. Huwa wkoll il-każ li fil-pajjiżi li għandhom kemm l-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment kif ukoll ta' residenza b'investiment, l-investiment mitlub għall-iskema ta' residenza jista' jitqies biex jikkwalifika għall-iskema ta' ċittadinanza b'investiment[56].

4. Oqsma ta' tħassib

Ċittadini ta' pajjiż terz jistgħu jinvestu fi Stat Membru għal raġunijiet leġittimi[57], iżda jaf ukoll ikollhom għanijiet illeġittimi, bħall-evażjoni ta' prosekuzzjoni u ta' investigazzjoni ta' eżekuzzjoni tal-liġi fil-pajjiż ta' oriġini u l-protezzjoni tal-assi tagħhom mill-miżuri ta' ffriżar u ta' konfiska relatati. Għaldaqstant, l-iskemi ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment joħolqu sensiela ta' riskji għall-Istati Membri u għall-Unjoni kollha kemm hi: b'mod partikolari, riskji għas-sigurtà, inkluża l-possibbiltà ta' infiltrazzjoni ta' gruppi ta' kriminalità organizzata mhux mill-UE, kif ukoll riskji ta' ħasil tal-flus, korruzzjoni u evażjoni tat-taxxa. Tali riskji jaggravaw aktar minħabba d-drittijiet transfruntiera assoċjati maċ-ċittadinanza tal-Unjoni jew mar-residenza fi Stat Membru.

Hemm ukoll tħassib rigward in-nuqqas ta' trasparenza u governanza tal-iskemi. Kemm l-iskemi ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment inxteħtu taħt il-lenti pubblika b'segwitu għal allegazzjonijiet ta' abbuż u korruzzjoni marbuta magħhom f'xi Stati Membri[58]. It-titjib tat-trasparenza u l-implimentazzjoni ta' ġestjoni tar-riskji, sistemi ta' kontroll u mekkaniżmi ta' sorveljanza adegwati jistgħu jgħinu biex irażżnu kemm jista' jkun uħud minn dawn il-punti ta' tħassib.

[54] Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Franza, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, ir-Renju Unit.

[55] Ara b'mod partikolari l-Ħarsa Ġenerali tal-Istudju, it-Taqsima IV.2, *ibid*, nota 4.

[56] Dan huwa l-każ ta' Ċipru u Malta. Ara l-Istudju, *ibid*, nota 4, ir-Riżultat C għaż-żewġ Stati Membri.

[57] Skont l-Artikolu 63 TFUE, il-prinċipju ta' moviment liberu tal-kapital japplika bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi. L-Artikolu 65 jagħti lok biex il-moviment liberu tal-kapital jiġi ristrett, b'mod partikolari għal raġunijiet marbuta mal-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika jew it-tassazzjoni.

[58] Rendikont dettaljat tar-rapporti ta' abbuż jew użu ħażin tal-iskemi jinsab fil-Ħarsa Ġenerali tal-Istudju, *ibid* nota 4, pp. 23 u 75.

4.1. Riskji imposti mill-Iskemi ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment

4.1.1. Sigurtà

Matul dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni ppreżentat inizjattivi differenti maħsuba biex isaħħu s-sigurtà tal-UE u joħolqu Unjoni tas-Sigurtà[59]. It-tliet sistemi ta' informazzjoni ċentralizzati prinċipali żviluppati mill-UE u użati għall-verifiki tas-sigurtà huma (i) is-Sistemi ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)[60] b'firxa wiesgħa ta' allerti dwar persuni u oġġetti, (ii) is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)[61] b'*data* dwar viżi għal soġġorni qosra, (iii) is-sistema Eurodac[62] b'*data* tal-marki tas-swaba' tal-applikanti għall-ażil u ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qasmu l-fruntieri esterni irregolarment. Dawn it-tliet sistemi huma komplementari u, bl-eċċezzjoni tas-SIS, huma primarjament immirati għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Apparti dan, qed jiġu stabbiliti sistemi ġodda tal-IT bħas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)[63] u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)[64], u r-rinfurzar tal-VIS[65] u l-estensjoni tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għaċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (ECRIS-TCN)[66] ġew proposti mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll biex is-sistemi ta' informazzjoni jsiru kollha interoperabbli[67].

Il-prattiki li jirrigwardaw l-iskemi ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment jistgħu jimminaw dawn l-isforzi billi jippermettu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jevitaw uħud minn dawn il-verifiki, b'implikazzjonijiet għal Stati Membri oħra u l-UE kollha kemm hi. Għaldaqstant

---

59 Ara pereżempju l-miżuri adottati mill-Kummissjoni fis-17 ta' April 2018, inkluż ir-Rapport dwar il-progress lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina, http://europa.eu/rapid/press-release_IP-18-3301_mt.htm

60 https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/schengen-information-system_en

61 https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/visa-information-system_en

62 https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/asylum/identification-of-applicants_en

63 Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi reġistrata d-*data* dwar id-dħul u l-ħruġ u d-*data* dwar ir-rifjut ta' dħul ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 dwar l-użu tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ.

64 Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226.

65 Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (KE) Nru 810/2009, ir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2016/399, ir-Regolament XX/2018 [ir-Regolament tal-Interoperabilità], u d-Deċiżjoni 2004/512/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI (COM/2018/302 final). Fid-19 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill adotta l-mandat ta' negozjar tiegħu. Il-Parlament Ewropew jinsab fil-proċess li jadotta l-mandat tiegħu.

66 Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiż terz u persuni mingħajr Stat (TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (is-sistema ECRIS-TCN) u tkun ta' sostenn għaliha u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011, COM/2017/0344 final - 2017/0144 (COD). In-negozjati jinsabu fi stadju avvanzat fil-proċess ta' trilogu.

67 Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE (fruntieri u viża) u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI, ir-Regolament (UE) 2016/399 u r-Regolament (UE) 2017/2226.

huwa importanti li kwalunkwe skema ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment tiġi organizzata b'tali mod li jkunu prevenuti riskji għas-sigurtà bħal dawn. Minħabba n-nuqqas ta' verifiki fil-fruntieri interni fiż-żona Schengen huwa partikolarment importanti li jkun żgurat li l-verifiki ta' sigurtà adegwati u maqbula kollettivament jiġu implimentati.

Is-sigurtà u l-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment fl-Istati Membri

L-istudju seta' biss jidentifika leġiżlazzjoni jew linji gwida limitati ferm fir-rigward tal-prattiki effettivi f'rabta maċ-ċittadinanza b'investiment.

F'**Malta**, isiru verifiki abbażi tar-rekords tal-pulizija mill-Pulizija ta' Malta u/jew mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż ta' oriġini fir-rigward tal-preċedenti penali tal-applikanti ewlenin u tad-dipendenti tagħhom li jkollhom aktar minn 12-il sena. Jista' jkun hemm rinunzja tar-rekwiżit ta' fedina penali nadifa f'ċirkostanzi eċċezzjonali, meta l-awtorità kompetenti tqis li jkun impossibbli li tali ċertifikat jinkiseb[68]. L-awtoritajiet Maltin jikkonsultaw il-bażijiet tad-*data* tal-INTERPOL u tal-Europol bħala parti minn proċess ta' diliġenza dovuta fuq erba' livelli li jkopri[69]: verifiki ta' diliġenza dovuta "kun af lill-klijent tiegħek" mill-aġent u mill-Aġenzija ta' Malta għall-Programm tal-Investitur Individwali (ara t-taqsima dwar il-verifiki rigward il-ħasil tal-flus aktar 'l isfel); ikklirjar mill-awtoritajiet tal-pulizija; verifika għall-kompletezza u għall-korrettezza tal-applikazzjoni u l-ivverifikar tad-dokumenti ppreżentati; verifika ta' diliġenza dovuta esternalizzata li għaliha l-Aġenzija ta' Malta għall-Programm tal-Investitur Individwali tippreżenta evidenza li kkummissjonat żewġ rapporti minn kumpaniji internazzjonali dwar kull applikazzjoni għall-PII[70]. Malta teskludi ċittadini ta' ċerti pajjiżi[71] u persuni soġġetti għal projbizzjonijiet fuq vjaġġar mill-Istati Uniti milli japplikaw għaċ-ċittadinanza taħt l-iskema tagħha, filwaqt li l-applikanti li jidhru fuq xi lista oħra ta' sanzjonijiet jew ta' sorveljanza jridu jiġu rrapportati mill-aġenti lill-Aġenzija ta' Malta għall-Programm tal-Investitur Individwali[72].

F'**Ċipru**, l-applikanti jridu jissottomettu rapport dwar il-fedina penali mill-pajjiż tal-oriġini u tar-residenza tagħhom (jekk ikun differenti), li jrid ikollu data ta' mhux aktar minn 90 jum qabel is-sottomissjoni. Il-pulizija ta' Ċipru twettaq tiftix kemm fil-bażijiet tad-*data* tal-Europol kif ukoll tal-Interpol[73]. Isem l-investitur u l-ismijiet tal-membri tal-familja ma jridux ikunu inklużi fil-lista tal-persuni li l-assi tagħhom, fi ħdan il-konfini tal-Unjoni Ewropea, ikunu ġew iffriżati minħabba sanzjonijiet. Barra minn hekk, skont regoli ġodda introdotti f'Lulju 2018[74], l-applikanti, li jissottomettu t-talbiet tagħhom permezz ta' fornitur ta' servizz huma meħtieġa jissottomettu rapport ta' diliġenza dovuta maħruġ permezz ta' bażi tad-*data*

68 Pereżempju, jekk l-awtorità kompetenti fil-pajjiż ta' oriġini ma toħroġx ċertifikati għal soġġorni qosra jew intermittenti. F'dawk il-każijiet, ikun biżżejjed li jittieħed affidavit maħluf mill-applikant u minn kull dipendenti fejn jiddikjaraw li jkollhom fedina penali nadifa.

69 Aktar dettalji huma disponibbli hawnhekk: https://iip.gov.mt/due-diligence/

70 Informazzjoni miġbura permezz ta' konsultazzjoni mal-parti kkonċernata nazzjonali (Identità Malta, l-awtorità kompetenti, it-8 ta' Marzu 2018), għall-finijiet tal-Istudju, *ibid*, nota 4. Dan hu bbażat fuq ir-Regolament 7(2) ta' LN 47/2014 li jiddikjara li "l-verifiki ta' *due diligence* għandhom isiru fuq erba' livelli" mingħajr speċifikazzjoni ulterjuri.

71 Ċittadini jew residenti tal-Afganistan, tal-Iran u tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea, jew b'rabtiet sinifikanti ma' dawn il-pajjiżi, huma esklużi mill-PII ta' Malta.

72 Maltese Individual Investor Programme Handbook 2018. Huma esklużi wkoll il-persuni li nċaħditilhom viża minn pajjiż li miegħu Malta għandha ftehim ta' vjaġġar mingħajr obbligu ta' viża.

73 L-informazzjoni mogħtija mill-Uffiċjal tal-Ministeru għall-Intern fid-29 ta' Mejju 2018.

74 http://www.moi.gov.cy/moi/moi.nsf/all/07F0364738A716E4C22582C40023E6C0/$file/CYPRUS%20INVESTMENT%20PROGRAMME_13.9.2016.pdf?openelement

aċċettata fuq livell internazzjonali (pereżempju l-World-Check[75], il-Lexis Diligence[76], ir-Regulatory DataCorp Inc[77]., eċċ.). F'każijiet fejn hemm tħassib dwar is-sigurtà nazzjonali, l-applikazzjoni tiġi wkoll evalwata mill-Aġenzija Ċentrali tal-Intelligence ta' Ċipru. Ċipru mhuwiex konness mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

Fil-**Bulgarija** l-leġiżlazzjoni tirrikjedi li l-applikant jippreżenta ċertifikat ta' kondotta nadifa u dokument li juri li ma hemm l-ebda proċediment kriminali pendenti jew li għadu għaddej kontra l-applikant. Il-Kunsill għaċ-Ċittadinanza jagħti opinjoni dwar it-talbiet għal ċittadinanza, wara dikjarazzjoni bil-miktub mill-Ministeru għall-Intern u mill-Aġenzija Statali għas-Sigurtà Nazzjonali (SANS). Din tal-aħħar twettaq kontrolli fuq l-applikanti kollha għal ċittadinanza Bulgara (inklużi dawk li japplikaw permezz ta' skemi b'investiment) skont l-ambitu tal-kompetenza tagħha, bħall-intelligence tal-pulizija jew bażijiet tad-*data* bir-rekords tal-pulizija. Ma kienet disponibbli l-ebda informazzjoni dwar il-politika Bulgara fir-rigward ta' persuni suġġetti għal miżuri restrittivi tal-UE, lanqas dwar jekk l-awtoritajiet jużawx is-SIS biex jikkontrollaw lill-applikanti.

L-istudju enfasizza għadd sinifikanti ta' żoni griżi marbutin mal-kontrolli tas-sigurtà. Problema waħda tirrigwarda d-diskrezzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-applikazzjonijiet għaċ-ċittadinanza. Fil-fatt, l-istudju juri li l-awtoritajiet jistgħu jaċċettaw talbiet, anki meta l-applikanti ma jissodisfawx ċerti rekwiżiti ta' sigurtà[78]. Barra minn hekk, l-applikazzjonijiet ma hemmx għalfejn jiġu ppreżentati personalment u jistgħu jiġu ppreżentati minn aġenti, li huwa l-każ f'Malta u f'Ċipru.

Barra minn hekk, l-Istati Membri bħalissa ma jikkonsultawx lil xulxin dwar applikanti għal ċittadinanza b'investiment. B'paragun ma' dan, teżisti konsultazzjoni minn qabel għal raġunijiet ta' sigurtà bejn l-Istati Membri għal applikanti għal viżi għal żjarat qosra minn ċerti[79] pajjiżi terzi[80]. Dan minkejja l-fatt li ċ-ċittadinanza tinvolvi firxa wiesgħa ta' drittijiet, inklużi r-residenza u d-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet tal-UE u dawk lokali, li jingħataw għal tul il-ħajja, aktar milli dritt ta' żjara sempliċi fuq perjodu qasir. Problema oħra hija marbuta mal-fatt li n-nuqqas ta' koordinazzjoni u ta' kriterji miftiehma b'mod komuni jħallu lok għal "tiftix" għall-aktar kundizzjonijiet laxki. Applikant li jiġi rrifjutat iċ-ċittadinanza f'territorju jista' mill-ġdid jagħmel talba fi Stat Membru ieħor. L-Istati Membri attwalment ma jinfurmawx lil xulxin dwar applikanti li jkunu rrifjutaw, lanqas dawk li ġew miċħuda għax ikunu riskju għas-sigurtà.

---

[75] https://risk.thomsonreuters.com/en/products/world-check-know-your-customer.html

[76] https://www.lexisnexis.com/en-us/products/lexis-diligence.page

[77] https://rdc.com/

[78] Pereżempju, f'Malta r-rekwiżit sabiex jiġi ppruvat li persuna għandha kondotta kriminali nadifa, li ma hijiex is-suġġett ta' investigazzjoni kriminali u li ma hijiex theddida potenzjali għas-sigurtà nazzjonali ta' Malta, jista' jiġi eżentat f'ċirkostanzi eċċezzjonali – Studju Komprensiv, Taqsima II.1 (kontrolli), ibid, nota 4.

[79] https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/e-library/documents/policies/borders-and-visas/visa-policy/docs/prior_consultation_en.pdf

[80] Previst fl-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1) u mwettaq permezz tal-mekkaniżmu VISMail previst fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' *data* bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS).

Is-sigurtà u l-iskemi ta' residenza b'investiment fl-UE

B'kuntrast mal-proċeduri relatati mal-akkwist taċ-ċittadinanza, jeżistu xi obbligi skont il-liġi tal-UE f'termini ta' kontrolli tas-sigurtà li għandhom jitwettqu qabel il-ħruġ ta' viża jew ta' permess ta' residenza għal investituri barranin, sabiex jiġi żgurat li ma jkunux ta' theddida għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà pubblika, inkluż għal Stati Membri oħra. Dawn il-kontrolli huma bbażati fuq l-acquis ta' Schengen u huma obbligatorji għal dawk l-Istati Membri li huma marbutin b'dan l-acquis. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 25(1) tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, Stat Membru li jkun qed jikkunsidra li joħroġ permess ta' residenza jrid sistematikament iwettaq tfittxija fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)[81]. Meta Stat Membru jikkunsidra li joħroġ permess ta' residenza għal persuna li fil-konfront tagħha nħarġet twissija bil-għan li jiġi rifjutat id-dħul tagħha, huwa l-ewwel għandu jikkonsulta lill-Istat Memrbu li jkun ħareġ it-twissija, u għandu jqis l-interessi tiegħu.

Filwaqt li l-istudju sab li fil-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri kkonċernati l-kontroll tal-ordni pubbliku u tas-sigurtà pubblika huwa ġeneralment inkluż bħala raġuni biex jiġi rrifjutat (jew biex ma jiġġeddidx) permess, identifika wkoll li hemm nuqqas kemm fl-informazzjoni disponibbli kif ukoll f'livell importanti ta' diskrezzjoni fil-mod ta' kif l-Istati Membri jindirizzaw it-tħassib dwar is-sigurtà[82]. Dan wassal għal xi każijiet problematiċi, kif enfasizzat ukoll minn rapporti oħra[83]. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni diġà pproponiet li taġġorna s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, li – flimkien mal-proposta għal Regolament dwar l-Interoperabilità[84] – se tintroduċi tfittxijiet obbligatorji f'bażijiet ta' *data*[85] rilevanti dwar is-sigurtà internazzjonali u tal-UE fil-fruntieri esterni, għall-permessi ta' residenza u għall-viżi għal soġġorn fit-tul *kollha li nħarġu*. L-informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet għal permess ta' residenza, li ġew irrifjutati minn Stat Membru minħabba raġunijiet ta' sigurtà, tkun ukoll maħżuna u eventwalment bi tqabbil magħha jistgħu jsiru kontrolli.

---

81 Is-SIS bħalissa qed topera f'26 Stat Membru tal-UE (l-Irlanda u Ċipru biss għadhom mhumiex konnessi mas-SIS) minkejja li bi drittijiet ta' aċċess differenti, u f'erba' Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen (l-Iżvizzera, in-Norveġja, il-Liechtenstein u l-Iżlanda). Filwaqt li l-Bulgarija u r-Rumanija għadhom mhumiex parti miż-żona fejn ma hemmx kontrolli fil-fruntieri interni (iż-"żona Schengen"), dawn kellhom aċċess sħiħ għas-SIS minn Awwissu 2018. Il-Kroazja, li wkoll mhijiex parti miż-żona Schengen, xorta għad għandha xi restrizzjonijiet rigward l-użu ta' twissijiet tas-SIS fiż-żona kollha ta' Schengen bl-għan li jiġi rrifjutat dħul jew is-soġġorn fiż-żona Schengen. Ir-Renju Unit juża s-SIS iżda, peress li huwa għażel li ma jkunx parti miż-żona Schengen, ma jistax joħroġ jew jaċċessa twissijiet fiż-żona kollha ta' Schengen biex jiġi rrifjutat dħul jew is-soġġorn fiż-żona Schengen. L-Irlanda qed twettaq attivitajiet preparatorji biex ikollha konnessjoni mas-SIS, iżda, bħalma huwa l-każ tar-Renju Unit, mhijiex parti miż-żona Schengen u mhux se tkun tista' toħroġ jew taċċessa twissijiet ta' Schengen biex jiġi rrifjutat dħul jew is-soġġorn fiż-żona Schengen. Ċipru għad ma għandux konnessjoni mas-SIS.

82 Il-kontrolli ta' sigurtà huma ġeneralment relatati mal-isfond tal-applikanti u l-oriġini tal-fondi. L-awtoritajiet inkarigati mill-ġestjoni tal-iskemi ta' residenza b'investiment jiddependu fuq il-forzi tal-pulizija u s-servizzi ta' intelligence biex jivverifikaw l-isfond tal-applikanti (il-Bulgarija, l-Estonja, Spanja, il-Kroazja, Ċipru, l-Ungerija, il-Portugall, is-Slovakkja), u fuq l-awtoritajiet responsabbli mill-politiki tas-saħħa u tal-impjiegi kif ukoll fuq l-awtoritajiet kompetenti għall-istatus ċivili tal-applikant. Dawn il-kontrolli huma relatati prinċipalment mal-kondotta kriminali tal-applikanti u mal-veraċità tad-dokument ipprovdut mill-applikanti.

83 Ara Transparency International, ibid, in-nota 5, p. 37 u Overview Study, ibid, in-nota 4, p. 75.

84 Ara n-nota 68.

85 B'mod partikolari fil-VIS, fis-SIS, fl-EES, fl-ETIAS, fl-ECRIS, kif ukoll fil-bażijiet tad-*data* tal-Europol u tal-INTERPOL.

Jeżistu kontrolli *ex post* biex jiġi vverifikat li l-kundizzjonijiet li taħthom ingħataw id-drittijiet ta' residenza għadhom jeżistu waqt li l-permess għadu validu, iżda f'għadd limitat ta' każijiet biss[86]. Dawn jivverifikaw li d-detentur tal-permess għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet tas-soġġorn waqt li l-permess għadu validu (għal aktar dettalji, ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż). Madankollu, peress li jista' ma jkunx hemm rekwiżiti għal detenturi tal-permessi biex effettivament jkunu residenti fl-Istat ospitanti (jew ir-residenza tista' tkun meħtieġa biss għal żmien limitat ħafna kif indikat hawn fuq), jista' jkun diffiċli biex jiġi vverifikat jekk id-detenturi tal-permess għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-permess ta' residenza.

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-konformità tal-Istati Membri biex tiżgura li jitwettqu l-kontrolli kollha fil-fruntiera u ta' sigurtà eżistenti, b'mod sistematiku u effettiv, sabiex jiġi żgurat li l-iskemi ta' residenza b'investiment ma jkunux ta' theddida għas-sigurtà ta' Stati Membri oħra u tal-UE.

4.1.2. Ħasil il-flus

Fir-rigward tal-kontrolli fuq l-oriġini tal-fondi, l-Istati Membri kollha tal-UE minbarra wieħed[87] innotifikaw dwar miżuri ta' traspożizzjoni għar-raba' Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus[88]. Il-Kummissjoni bħalissa qed twettaq kontroll orizzontali rigward il-kompletezza tal-leġiżlazzjoni nazzjonali notifikata li tittrasponi r-raba' Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus, u qiegħda twettaq proċeduri ta' ksur minħabba nuqqas ta' komunikazzjoni kontra dawk l-Istati Membri fejn ġew identifikati xi lakuni fit-traspożizzjoni. Skont din il-leġiżlazzjoni, l-entitajiet marbuta b'obbligu (fost l-oħrajn, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji, in-nutara u l-avukati, u l-aġenti tal-proprjetà immobbli)[89] iridu jwettqu l-miżuri ta' diliġenza dovuta fir-rigward tal-klijenti[90]. L-entitajiet marbuta b'obbligu huma marbutin bl-obbligu li jirrappurtaw tranżazzjonijiet suspettużi lill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja ta' pajjiżhom u huma pprojbiti milli jinfurmaw lill-klijenti dwar ir-rappurtar ta' tranżazzjonijiet suspettużi. Barra minn hekk, ir-raba' Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus tinkludi rekwiżit addizzjonali speċifiku għall-entitajiet marbutin b'obbligu li jwettqu kontrolli ta' diliġenza dovuta fuq tranżazzjonijiet ta' klijenti minn pajjiżi terzi b'riskju għoli.

Il-ħames Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus, li daħlet fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2018 u li trid tiġi trasposta mill-Istati Membri sal-10 ta' Jannar 2020[91], tintroduċi emenda li titqies bħala riskju għoli u li teħtieġ diliġenza dovuta tal-klijent msaħħa għal dawk iċ-ċittadini

86 L-Estonja, Spanja, Franza, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja.

87 Ħlief għar-Rumanija. Sors: Eur-lex, "Miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni kkomunikati mill-Istati Membri dwar id-Direttiva (UE) 2015/849" disponibbli fuq https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/NIM/?uri=celex:32015L0849

88 Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), disponibbli fuq: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/En/TXT/?uri=CELEX%3A32015L0849

89 L-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2015/849.

90 L-Artikoli 10-24 tad-Direttiva (UE) 2015/849.

91 Id-Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE, ĠU L 156, 19.6.2018, p. 43.

ta' pajjiżi terzi li japplikaw, "għad-drittijiet ta' residenza jew ċittadinanza fl-Istat Membru bi skambju ta' trasferimenti ta' kapital, xiri ta' proprjetà jew bonds tal-gvern, jew investiment f'entitajiet korporattivi f'dak l-Istat Membru"[92]. Madankollu, id-Direttiva tistabbilixxi dawn l-obbligi biss fir-rigward ta' operaturi ekonomiċi u ma tkoprix organizzazzjonijiet u aġenziji governattivi li mhumiex entitajiet marbuta b'obbligu skont id-Direttiva. Dan ifisser li l-awtoritajiet responsabbli mill-iskemi ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment mhumiex koperti.

L-istudju wera varjetà ta' prattiki permezz ta' skemi ta' ċittadinanza b'investiment biex jiġi miġġieled ħasil il-flus, u indika wkoll għadd ta' żoni griżi. Formalment, ma hemm l-ebda obbligu fuq il-korpi involuti biex iwettqu kontrolli fuq l-oriġini tal-fondi fi skemi ta' investiment, biex jiġu kkomunikati r-riżultati ta' dawn il-kontrolli lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Madankollu, fil-prattika, fir-rigward tal-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment, hemm daqsxejn kooperazzjoni. Identità Malta[93] kkonfermat, għall-finijiet tal-istudju, li d-definizzjonijiet u l-proċeduri tad-diliġenza dovuta tar-raba' Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus huma segwiti fil-proċess ta' diliġenza dovuta fl-erba' livelli li tuża. Il-qafas legali Ċiprijott dwar l-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment jagħmel kontroreferenza diretta għal-leġiżlazzjoni Ċiprijotta kontra l-ħasil tal-flus. Dan jirrikjedi li d-dipartimenti tal-konformità tal-Banek Ċiprijotti jimplimentaw miżuri ta' diliġenza dovuta biex jivverifikaw u jivvalidaw l-oriġini tal-fondi użati fl-investiment. Fil-Bulgarija, il-verifika dwar l-oriġini tal-fondi (skont il-Liġi Bulgara dwar il-Miżuri kontra l-Ħasil tal-Flus) qed issir mill-Aġenzija Invest Bulgaria[94]. F'din il-proċedura, l-applikant irid jipprovdi dikjarazzjoni tal-oriġini tal-fondi f'konformità mal-liġi kontra l-ħasil tal-flus[95].

Bl-istess mod, hemm prattiki li jvarjaw fost l-Istati Membri li joperaw skemi ta' residenza b'investiment biex jipproteġu kontra ħasil il-flus. Filwaqt li xi Stati Membri jirrikjedu li l-pagamenti kollha jsiru permezz tal-banek nazzjonali tagħhom, li bħala entitajiet marbuta b'obbligu mir-raba' Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, iridu japplikaw il-kontrolli meħtieġa ta' diliġenza dovuta fuq il-klijenti (Ċipru), l-istudju wera wkoll li xi leġiżlazzjoni ma tipprevedix kontrolli partikolari (il-Kroazja, il-Portugall). Fl-Ungerija, fejn l-iskema bħalissa tinsab sospiża, ma kien hemm l-ebda obbligu biex effettivament jiġu ttrasferiti l-flus lejn it-territorju Ungeriż, li b'riżultat ta' dan, eskludew il-fondi mill-kontrolli. F'każijiet oħra, il-fondi jiġu kkontrollati darbtejn, l-ewwel permezz ta' evidenza ppreżentata mill-pajjiż ta' oriġini tal-fond, u mbagħad mis-servizzi kompetenti fl-Istat Membru (l-Irlanda). L-awtoritajiet kompetenti responsabbli minn dawn il-verifiki partikolari jvarjaw: tista' tkun l-aġenzija nazzjonali tal-investiment (il-Bulgarija) jew il-Kummissjoni apposta ta' kontra l-ħasil tal-flus (Spanja). Dawn l-entitajiet jistgħu jkunu privati jew pubbliċi u jinkludu professjonisti indipendenti. Dawn il-kontrolli jvarjaw għax jew jistgħu jikkonsistu fil-validazzjoni ta' dokumenti relatati mal-flus użati biex isir l-investiment, bħal irċevuti minn trasferimenti bankarji, rapport ta' dikjarazzjoni tat-taxxa fuq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji, kuntratt ta' xiri jew ta' kiri minn reġistri tal-proprjetà jew tal-artijiet meta l-investiment ikun

---

92 Ara l-Artikolu 1, il-punt 44, li jżid punt addizzjonali fil-punt (1) tal-Anness III tar-raba' Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus.

93 Il-kontrolli tad-diliġenza dovuta huma attwalment magħmula mill-Aġenzija ta' Malta għall-Programm tal-Investitur Individwali; meta saru l-intervisti għall-Istudju, l-awtorità inkarigata kienet Identità Malta.

94 L-Aġenzija Invest Bulgaria hija aġenzija eżekuttiva tal-Ministru tal-Ekonomija tal-Bulgarija u tappoġġja lill-Ministru fl-applikazzjoni tal-politika tal-Istat fil-qasam ta' inkoraġġiment ta' investiment barrani.

95 L-Artikolu 39, il-paragrafu 6 tar-Regolamenti għall-Applikazzjoni tal-Att dwar iċ-Ċittadini Barranin fil-Bulgarija.

il-proprjetà immobbli, jew jistgħu jikkonsistu minn dikjarazzjoni limitata tal-awtorità kompetenti.

Kif previst mir-regoli l-ġodda tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu attenzjoni partikolari lid-diliġenza dovuta msaħħa tal-klijent fil-kuntest tal-iskemi ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus ma tiġix evitata. Dan għandu jiġi żgurat meta l-fondi jitħallsu minn applikanti għal ċittadinanza b'investiment u meta jgħaddu minn korpi li ma jikkwalifikawx bħala entitajiet marbuta b'obbligu permezz tar-raba' u l-ħames Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. Barra minn hekk, il-korpi involuti biex iwettqu l-verifiki dwar l-oriġini tal-fondi fl-iskemi ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment jenħtieġ li dejjem jikkomunikaw is-sejbiet tagħhom lill-awtoritajiet tal-Istat Membru kompetenti għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet. L-Istati Membri jistgħu jqisu wkoll ir-riskji potenzjali ta' ħasil il-flus marbuta ma' skemi ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment fil-valutazzjonijiet tar-riskju nazzjonali tagħhom imwettqa skont ir-regoli tal-UE kontra l-ħasil tal-flus, u jieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa[96].

F'każijiet fejn il-pagamenti jsiru fi flus kontanti direttament lill-organizzazzjonijiet governattivi, dawn ma humiex koperti mil-leġiżlazzjoni Ewropea kontra l-ħasil tal-flus. Ir-regoli għall-pagamenti fi flus kontanti bħalissa ma humiex armonizzati fl-UE kollha kemm hi. L-Istati Membri għalhekk jistgħu jistabbilixxu ċerti restrizzjonijiet għall-pagamenti fi flus kontanti dment li dawn ikunu kompatibbli ma' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi tal-UE.

4.1.3. Evażjoni tar-regoli tal-UE

Hemm ukoll il-possibbiltà li l-istatus mogħti mill-iskemi ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment jistgħu jintużaw biex tiġi evitata l-liġi tal-UE. L-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment jistgħu jipprovdu b'mod partikolari rotta għal ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jevitaw ċerti rekwiżiti ta' nazzjonalità fil-liġi tal-UE. Pereżempju, ir-regoli tal-UE jistipulaw li liċenzja operattiva, jiġifieri awtorizzazzjoni biex jiġu pprovduti servizzi tal-ajru, tista' tingħata biss mill-awtoritajiet kompetenti (nazzjonali) għall-għoti tal-liċenzji fejn l-Istati Membri jew iċ-ċittadini ta' Stat Membru jkunu s-sidien ta' aktar minn 50 % tal-impriża kkonċernata u effettivament jikkontrollawha[97]. Il-Kummissjoni rċeviet ilment wieħed u diversi mistoqsijiet mill-awtoritajiet nazzjonali għall-għoti tal-liċenzji dwar investituri minn pajjiżi terzi li kisbu ċ-ċittadinanza tal-Unjoni fi Stat Membru permezz ta' skema ta' ċittadinanza b'investiment, u li sussegwentement applikaw għal liċenzja għall-operat ta' linja tal-ajru.

4.1.4. Evażjoni tat-taxxa

Tħassib ieħor huwa dwar jekk l-inċentivi fiskali li ġejjin mill-użu ta' skemi ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment humiex qed jixprunaw id-domanda għal skemi bħal dawn[98]. L-użu ta' dawn l-iskemi fih innifsu ma huwiex evażjoni tat-taxxa, għalkemm dawn jistgħu

[96] Fl-2017 Malta wettqet valutazzjoni tar-riskju nazzjonali ta' ħasil il-flus. Madankollu, ir-riskji potenzjali ta' ħasil il-flus li huma marbutin mal-iskema taċ-ċittadinanza ma ġewx analizzati.

[97] Ir-Regolament (KE) 1008/2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità, ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3; Ara wkoll l-Evalwazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li jmiss tar-Regolament (KE) 1008/2008 (li għandha tiġi ppubblikata fl-ewwel nofs tal-2019).

[98] Ara d-diskussjoni fl-istudju tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, ibid, in-nota 5, pp. 32-35.

jippermettu lill-individwi biex jibbenefikaw minn regoli tat-taxxa preferenzjali eżistenti. Madankollu, jista' jkun hemm lok għall-abbuż ibbażat fuq l-użu ħażin tal-benefiċċji u tad-dokumentazzjoni miksuba mill-iskemi, li jvarja minn skema għal skema, jiġifieri xi wħud jistgħu jiffaċilitaw u jintużaw bħala strument fl-ippjanar aggressiv tat-taxxa u fl-evażjoni.

L-istudju ma ħarisx lejn l-aspetti fiskali ta' skemi bħal dawn. Id-diskussjonijiet kemm fil-livell ta' UE kif ukoll f'dak internazzjonali jiffukaw fuq l-impatt li tali skemi jista' jkollhom fuq l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji bejn l-awtoritajiet tat-taxxa, implimentati fl-UE permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 2014/107/UE (l-ewwel emenda fid-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva) u ma' pajjiżi terzi permezz tal-Istandard Komuni ta' Rappurtar. L-ewwel emenda fid-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva u l-Istandard Komuni ta' Rappurtar jirrikjedu li l-informazzjoni bankarja rilevanti tintbagħat lill-ġurisdizzjonijiet kollha tar-residenza tat-taxxa tad-detentur tal-kont.

Ir-residenza tat-taxxa tista' tkun differenti minn definizzjonijiet oħra ta' residenza għal finijiet mhux ta' taxxa. Il-kriterji għar-residenza għal finijiet ta' taxxa jistgħu jvarjaw b'mod konsiderevoli minn ġurisdizzjoni għal ġurisdizzjoni u normalment huma marbutin mal-għadd ta' jiem ta' preżenza fiżika f'ġurisdizzjoni. Xi ġuriżdizzjonijiet jiddeterminaw ukoll ir-residenza ta' individwu billi ssir referenza għal għadd ta'fatturi oħra, bħaċ-ċittadinanza, is-sjieda ta' dar jew id-disponibbiltà ta' akkomodazzjoni, il-familja u l-interessi finanzjarji. Fil-fatt, hemm sitwazzjonijiet fejn l-istess individwu jista' jitqies bħala residenti tat-taxxa f'aktar minn ġurisdizzjoni waħda. Barra minn hekk, il-fatt li persuna titqies bħala resident taxxabbli f'ġurisdizzjoni ġdida, ma jneħħix l-istatus ta' residenza tat-taxxa oħrajn f'pajjiżi oħra.

Madankollu, id-dokumentazzjoni maħruġa taħt xi wħud minn dawn l-iskemi tista' tagħmilha diffiċli ħafna għall-istituzzjonijiet finanzjarji biex jidentifikaw b'mod korrett il-postijiet leġittimi tar-residenza tat-taxxa. F'xi każijiet, l-informazzjoni dwar il-kontijiet finanzjarji tista' tintbagħat lill-Istat il-ħażin u/jew ma tintbagħatx lill-Istat it-tajjeb. Pereżempju jekk l-informazzjoni tintbagħat biss lill-Istat li qed iħaddem skema ta' ċittadinanza jew ta' residenza (li ħafna drabi ma tintaxxax l-introjtu jew tirrikjedi l-preżenza fiżika fil-pajjiż) u mhux lill-Istat ġenwin tar-residenza tat-taxxa, id-dħul jista' jiżgiċċa t-tassazzjoni fl-Istat it-tajjeb.

Skemi f'pajjiżi li ma jintaxxawx id-dħul, jew jintaxxawh b'rata baxxa ħafna, għandhom riskju akbar li d-detenturi ta' kontijiet jaħbu l-evidenza dwar l-Istat reali ta' residenza, u b'hekk jevadu t-taxxa. B'mod partikolari, l-iskemi ta' pajjiżi terzi għandhom riskju akbar li ċ-ċittadini tal-Unjoni jistgħu jużawhom biex deliberatament jevadu t-taxxa fl-Istat ta' residenza tal-UE tagħhom. L-istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE jistgħu jkunu anqas familjari ma' skemi stabbiliti barra mill-UE u għalkemm xi skemi offruti mill-Istati tal-UE wkoll ma jintaxxawx id-dħul barrani, il-biċċa l-kbira jkollhom fil-mira (u jillimitaw l-aċċess għal) residenti mhux tal-UE.

L-obbligi ta' żvelar obbligatorju għall-intermedjarji, adottati permezz ta' emenda fid-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fl-2018[99] jesiġu li l-promoturi tal-iskemi tal-evitar tat-taxxa u l-fornituri tas-servizzi involuti fit-tfassil jew l-implimentazzjoni tagħhom jinfurmaw lill-awtoritajiet tat-taxxa dwar kwalunkwe skema li jikkummerċjalizzaw jew li jistabbilixxu. Din tinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi mmirati għal skemi li jista' jkollhom l-effett li jevitaw

[99] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/822 tal-25 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar l-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni fir-rigward ta' arranġamenti transkonfinali rapportabbli, ĠU L 139, 5.6.2018, p. 1.

l-obbligi ta' rappurtar stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji.

Fil-fatt, id-Direttiva tinkludi l-obbligu ta' rappurtar li għandu fil-mira skemi jew arranġamenti li jimminaw jew jisfruttaw dgħufijiet fil-proċeduri ta' diliġenza dovuta użati minn istituzzjonijiet finanzjarji biex jagħtu informazzjoni lill-awtoritajiet tat-taxxa, bħall-identifikazzjoni tal-ġurisdizzjoni ta' residenza tad-detentur tal-kont. Dan huwa l-każ meta d-detentur ta' kont jikseb iċ-ċittadinanza jew id-drittijiet ta' residenza f'pajjiż li mhuwiex dak ta' residenza effettiva. Kull meta tali skema titqiegħed fis-suq, jew tiġi kkummerċjalizzata, l-obbligu ta' rappurtar jaqa' fuq l-intermedjarju li qed jipprovdi s-servizz.

Skont l-emenda tal-2018 tad-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva, l-iskemi li saru mill-25 ta' Ġunju 2018 se jiġu rrappurtati lill-awtoritajiet tat-taxxa tal-UE, u dawn se jiskambjaw din l-informazzjoni b'mod awtomatiku ma' xulxin mill-2020 'l quddiem, billi jipprovdu lil dawn l-awtoritajiet b'intelligence li tista' twassal għall-identifikazzjoni bikrija ta' abbużi possibbli. Dan huwa l-każ kemm għall-iskemi stabbiliti fl-UE kif ukoll f'pajjiżi terzi.

Sabiex jiġu indirizzati r-riskji maħluqa mill-iskemi ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment, u minbarra li tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva, l-Istati Membri tal-UE li jipprovdu dawn l-iskemi għandhom jagħmlu użu mill-għodod disponibbli fil-qafas tal-UE għall-kooperazzjoni amministrattiva, b'mod partikolari l-iskambju spontanju ta' informazzjoni lill-Istat(i) Membru/Membri ta' residenza, kif stipulat fid-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva[100].

Barra minn hekk, l-eżistenza ta' skemi ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment, u l-kwistjonijiet li jqajmu għal skopijiet ta' tassazzjoni jenħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll fil-ħidma li qed titwettaq mill-Istati Membri fil-Kunsill, pereżempju, fil-ħidma li għaddejja bħalissa għar-riforma tal-Kodiċi ta' Kondotta għat-tassazzjoni tan-negozji[101], li għandha l-għan li tiżgura azzjoni koordinata fil-livell Ewropew biex tiġi indirizzata l-kompetizzjoni tat-taxxa dannuża, limitata għat-tassazzjoni tal-intrapriżi taħt il-mandat attwali. Ir-riforma tal-Kodiċi hija opportunità biex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tax-xogħol, biex jiddaħħlu tipi oħra ta' prattiki dwar it-taxxa dannużi, inklużi dawk immirati lejn l-individwi. L-Istati Membri jenħtieġ li jinnotaw ukoll ir-rwol possibbli ta' skemi ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment fl-evitar u l-evażjoni tat-taxxa, u jenħtieġ li jqisu jekk ir-riskji ppreżentati minn dawn l-iskemi jimmeritawx l-inklużjoni tagħhom fil-kriterji ta' elenkar fil-lista tal-UE[102].

L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), bħala parti mill-ħidma tagħha biex tidentifika l-lakuni fl-Istandard Komuni ta' Rappurtar, l-ekwivalenti internazzjonali għall-ewwel emenda tad-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva,

100 Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE.

101 Il-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill tal-ECOFIN tal-1 ta' Diċembru 1997 dwar il-politika ta' tassazzjoni - Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill fl-1 ta' Diċembru 1997 dwar kodiċi ta' kondotta għat-tassazzjoni tal-intrapriżi - Tassazzjoni fuq it-tfaddil (ĠU C 2, 6.1.1998, p. 1).

102 Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kriterji biex tiġi stabbilita lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa, kif ukoll il-kriterji għall-proċedura li twassal biex din tiġi stabbilita (ĠU C 461, 10.12.2016, p. 2); Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa (ĠU C 438, 19.12.2017, p. 5).

analizzat il-potenzjal li dawn l-iskemi ta' ċittadinanza u ta' residenza jista' jkollhom biex jiġu evitati l-obbligi ta' rappurtar taħt dan l-istandard, u għaldaqstant jiffaċilitaw l-evażjoni tat-taxxa. B'mod partikolari, l-OECD ikkonkludiet li l-karti tal-identità u dokumentazzjoni oħra miksubin permezz ta' skemi bħal dawn jistgħu potenzjalment jintużaw ħażin biex jirrappreżentaw b'mod żbaljat il-ġurisdizzjoni tar-residenza tat-taxxa ta' individwu, u biex jiġi pperikolat l-operat xieraq tal-proċeduri ta' diliġenza dovuta tal-Istandard Komuni ta' Rappurtar[103]. F'dan ir-rigward, l-OECD identifikat lista ta' skemi ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment li jistgħu jippreżentaw riskju għoli għall-implimentazzjoni effettiva tal-Istandard Komuni ta' Rappurtar[104]. Iż-żewġ skemi ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment f'Ċipru u f'Malta huma inklużi f'din il-lista. L-OECD ippubblikat ukoll informazzjoni u gwida addizzjonali lill-istituzzjonijiet finanzjarji sabiex timminimizza l-lok għal abbuż potenzjali.

Fid-9 ta' Marzu 2018, l-OECD ippubblikat il-"Model Mandatory Disclosure Rules for Common Reporting Standard Avoidance Arrangements and Opaque Offshore Structures"(Mudell ta' Regoli dwar l-Iżvelar Obbligatorju kontra Arranġamenti ta' Evitar tal-Istandard Komuni ta' Rappurtar u Strutturi Offshore Opaki). Dawn ir-regoli mudell huma simili għal dawk inklużi fl-emenda tal-2018 tad-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva mmirata lejn skemi ta' evitar li għandhom fil-mira l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar il-kontijiet finanzjarji. Madankollu, ta' min wieħed jinnota li dawn ir-regoli ma ġewx approvati bħala standard minimu. Bħala tali, huma fakultattivi għall-ġuriżdizzjonijiet biex jadottawhom.

4.2. Trasparenza u governanza

Is-sorveljanza regolatorja soda u t-trasparenza tal-iskemi ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment fil-livell nazzjonali huma ta' importanza kritika biex jiġi ddeterminat l-impatt tagħhom. L-istudju juri nuqqas ta' informazzjoni ċara dwar il-proċeduri applikabbli u dwar l-operat tal-iskemi, inklużi l-għadd u l-oriġini tal-applikanti u dawk li jiksbu ċ-ċittadinanza jew id-drittijiet ta' residenza.

4.2.1. It-trasparenza u l-governanza tal-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment tal-lum

F'Malta, hemm regolatur għall-iskema taċ-ċittadinanza b'investiment, li jippubblika rapporti annwali, li huma suġġetti għal skrutinju parlamentari[105]. Fit-22 ta' Mejju 2018, Ċipru ħabbar it-twaqqif ta' Kumitat ta' Sorveljanza u Kontroll u l-introduzzjoni ta' kodiċi ta' kondotta għall-iskema tiegħu ta' ċittadinanza b'investiment. Fil-Bulgarija, la hemm regolatur u lanqas kodiċi ta' kondotta.

F'Malta, l-applikazzjonijiet għaċ-ċittadinanza b'investiment iridu jitressqu mill-applikant ewlieni għand l-Aġenzija ta' Malta għall-Programm tal-Investitur Individwali jew permezz ta' Aġenti Approvati jew tal-konċessjonarju[106]. Dawn huma **korpi mhux pubbliċi** bi rwol

[103] Il-konklużjonijiet tal-OECD dwar ir-residenza / iċ-ċittadinanza permezz ta' skemi b'investiment, is-16 ta' Ottubru, 2018: http://www.oecd.org/tax/automatic-exchange/crs-implementation-and-assistance/residence-citizenship-by-investment/

[104] https://www.oecd.org/tax/automatic-exchange/crs-implementation-and-assistance/residence-citizenship-by-investment/#faqs

[105] Uffiċċju tar-Regolatur għall-Programm ta' Investitur Individwali (URpii): https://oriip.gov.mt/en/Pages/Home.aspx

[106] Ir-Regolament 4(3) ta' LN 47/2014.

sinifikanti matul il-proċess tal-applikazzjoni, li jaġixxu f'isem l-applikanti u li jinteraġixxu direttament mal-awtoritajiet kompetenti f'isimhom. Fil-Bulgarija u f'Ċipru, l-applikanti jistgħu jagħżlu li jimpjegaw konsulenti jew avukati biex jagħtu pariri dwar l-applikazzjonijiet u jagħmluhom f'isimhom. Il-kodiċi ta' Kondotta Ċiprijott il-ġdid japplika għall-aġenti u għall-intermedjarji li jittrattaw l-applikazzjonijiet għal ċittadinanza f'isem il-klijenti tagħhom. Il-kodiċi għandu l-għan li jinkoraġġixxi standards etiċi għoljin u jimponi l-obbligu li ma jsirx reklamar fuq il-bejgħ ta' ċittadinanza f'postijiet pubbliċi. Reklami għall-bejgħ taċ-"ċittadinanza tal-UE" kienu komuni f'Ċipru. Wieħed għad irid jara x'effett se jkollu l-Kodiċi ta' Kondotta l-ġdid.

Taħt l-ebda waħda mit-tliet skemi ta' ċittadinanza b'investiment ma hemm disponibbli informazzjoni komprensiva dwar l-identità ta' persuni li jiksbu b'suċċess iċ-ċittadinanza abbażi tal-investiment u tal-pajjiżi ta' oriġini tagħhom. Ir-rapporti tar-regolatur Malti fihom informazzjoni dwar l-għadd ta' applikazzjonijiet li saru u l-għadd ta' dawk approvati u rrifjutati. Dawn ir-rapporti fihom ukoll informazzjoni dwar id-dħul iġġenerat mill-iskema ta' ċittadinanza b'investiment f'Malta. Il-leġiżlazzjoni Maltija tobbliga l-pubblikazzjoni annwali fil-Gazzetta tal-Gvern tal-ismijiet tal-persuni kollha li matul it-tnax-il xahar preċedenti ngħataw iċ-ċittadinanza Maltija permezz ta' reġistrazzjoni jew ta' naturalizzazzjoni, inkluż (mingħajr ma jiġu identifikati b'mod espliċitu) dawk il-persuni li ngħataw ċittadinanza Maltija skont l-iskema ta' ċittadinanza b'investiment[107]. Informazzjoni simili mhijiex disponibbli għall-Bulgarija u Ċipru.

Fir-rigward tal-limiti fuq l-għadd ta' applikazzjonijiet mogħtija, Ċipru u Malta t-tnejn għandhom limiti fuq l-għadd ta' applikanti li jistgħu jibbenefikaw mill-iskemi tagħhom ta' ċittadinanza b'investiment. Il-Gvern Ċiprijott, mill-2018, iddeċieda li jillimita dawn iċ-ċittadinanzi għal 700 fis-sena[108]. F'Malta, l-għadd ta' applikanti ewlenin li jkollhom suċċess (esklużi d-dipendenti) fl-iskema kollha huma limitati għal 1 800[109]. Madankollu, l-awtoritajiet Maltin qegħdin fil-proċess li jaġġornaw il-liġi u, wara konsultazzjoni pubblika, beħsiebhom iżidu l-limitu massimu b'1,800 oħra. Il-Bulgarija ma timponi l-ebda limitu fuq l-għadd ta' investituri barranin li jistgħu japplikaw għaċ-ċittadinanza.

4.2.2. It-trasparenza u l-governanza tal-iskemi ta' residenza b'investiment tal-lum

Rigward il-governanza tal-iskemi ta' residenza b'investiment, f'Malta, għall-kuntrarju tal-iskema ta' ċittadinanza b'investiment, ma hemm l-ebda regolatur. F'Ċipru, mhuwiex previst li l-Kumitat ta' Sorveljanza u Kontroll imħabbar għall-iskema ta' ċittadinanza b'investiment jkun inkarigat ukoll mill-permessi ta' residenza. Fil-Bulgarija, l-uniku obbligu previst mil-leġiżlazzjoni huwa notifika mid-Direttorat tal-Migrazzjoni lill-Aġenzija tal-Investiment Bulgara dwar il-permessi ta' residenza permanenti maħruġa skont l-iskema. Jeżistu mekkaniżmi ta' monitoraġġ speċifiċi u obbligi ta' rappurtar f'għadd limitat ħafna ta' Stati Membri[110]. Dan ifisser li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, is-sorveljanza tal-iskema titħalla f'idejn

107 Ir-Regolament 14(2) ta' LN 47/2014.
108 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri 906/2018.
109 Ir-Regolament 12 ta' LN 47/2014.
110 Spanja, l-Irlanda u l-Portugall. Pereżempju fi Spanja, il-liġi tinkludi l-obbligu li jitħejja rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tar-regoli, li jiġi ppreparat mill-Ministeru tal-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali fuq talba konġunta tal-Ministeri tal-Affarijiet Barranin, l-Affarijiet Interni u l-Ekonomija u mbagħad jiġi ppreżentat lill-Kunsill tal-Ministri. Fil-Portugall, l-Ispettorat Ġenerali tal-Affarijiet Interni jwettaq, tal-anqas darba fis-sena, awditu tal-proċedura tal-permess ta' residenza b'investiment. Il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet huma nnotifikati lill-Ewwel Kummissjoni tal-Parlament Portugiż (Affarijiet

il-mekkaniżmi ġenerali ta' monitoraġ meta jkunu jeżistu, bħalma huma l-iskrutinju parlamentari, ir-responsabbiltà amministrattiva, ir-rappurtar ġenerali tal-attivitajiet lill-gvern, jew l-aċċess għal talbiet ta' dokumenti, u ma jeżisti l-ebda mekkaniżmu addizzjonali u speċifiku ta' diliġenza[111].

Għadd limitat ta' Stati Membri għamlu l-għażla li jinvolvu kumpaniji privati fit-tmexxija tal-iskemi ta' residenza tagħhom[112], xi drabi bi rwol sinifikanti[113]. F'Ċipru, l-applikanti huma liberi li jiddeċiedu li jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom permezz ta' rappreżentant awtorizzat li r-rwol tiegħu huwa limitat biex jaġixxi bħala faċilitatur u fornitur ta' servizzi ta' konsulenza. F'Malta, l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet kompetenti minn aġenti rreġistrati jew persuni akkreditati; dawn l-aġenti rreġistrati jaġixxu f'isem l-applikant għal kull korrispondenza, applikazzjoni, sottomissjoni, preżentazzjoni, notifiki skont ir-regolamenti. Fl-Ungerija, il-Kumitat għall-Ekonomija tal-Parlament Ungeriż awtorizza għadd ta' negozji li r-rwol tagħhom kien li joħorġu l-bonds ta' residenza li għandhom jinxtraw mill-applikanti. Kumpanija waħda biss stegħet tirċievi l-awtorizzazzjoni biex toħroġ bonds f'pajjiż terz partikolari[114].

4.2.3. Miżuri li jtejbu t-trasparenza, il-governanza u s-sigurtà

L-istudju juri li l-eżerċizzji annwali ta' rappurtar għadhom limitati ħafna. Fir-rigward tal-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment, b'mod ġenerali hemm nuqqas ta' trasparenza fir-rigward tal-applikazzjonijiet u l-persuni li jiksbu ċ-ċittadinanza. Fil-każ ta' skemi ta' residenza b'investiment, in-nuqqas ta' desegregazzjoni tal-istatistika ma jippermettix li tiġi identifikata r-raġuni speċifika għar-residenza jew għall-opzjoni ta' investiment li ntgħażlet biex tiġi identifikata. Id-*data* dwar l-għadd ta' applikazzjonijiet riċevuti, il-pajjiżi tal-oriġini u l-għadd ta' ċittadinanzi u permessi ta' residenza mogħtija tista' tiġi ppubblikata b'mod utli, pereżempju fil-forma ta' rapporti annwali. L-Istati Membri jistgħu wkoll jiċċaraw u jippubbliċizzaw il-kriterji għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet, il-kontrolli ta' sigurtà

Kostituzzjonali u Drittijiet Fundamentali, Libertajiet u Garanziji) u huma disponibbli wkoll fuq il-website tal-Gvern. Madankollu, din il-website fiha biss rapport wieħed, li jmur lura għall-2014. Dan issemmi diversi rakkomandazzjonijiet, maħruġa minħabba xi ineffiċjenzi tal-proċedura, *inter alia*, l-iżvilupp ta' mekkaniżmi interni ta' superviżjoni u ta' manwal ta' proċeduri. Is-segwitu għal din ir-rakkomandazzjoni mhux magħruf. Fl-Irlanda, il-Kumitat ta' Evalwazzjoni (magħmul minn maniġers superjuri fid-dipartimenti governattivi rilevanti u l-aġenziji tal-Istat involuti fl-Intrapriżi u l-Iżvilupp) jiltaqa' mill-inqas erba' darbiet fis-sena, biex jivvaluta applikazzjonijiet għal residenza taħt l-iskema b'investiment, u jipprovdi kunsiderazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet lill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Ugwaljanza dwar l-approvazzjoni jew ir-rifjut tal-applikazzjonijiet.

111 Il-Bulgarija, l-Irlanda, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, ir-Rumanija, ir-Renju Unit. Fl-Irlanda, is-Servizz Irlandiż tan-Naturalizzazzjoni u l-Immigrazzjoni pprovda informazzjoni permezz ta' mistoqsijiet Parlamentari dwar il-punti li ġejjin: l-għadd u l-valur tal-applikazzjonijiet għall-iskemi b'investiment fis-sena sa mill-2012, taħt kull opzjoni ta' investiment, l-għadd u l-valur ta' applikazzjonijiet għal programmi tal-investituri immigranti għall-investiment fl-akkomodazzjoni soċjali u għall-investiment fid-djar tal-kura fl-2017, il-kriterji li skonthom jiġu evalwati l-applikazzjonijiet, l-għadd ta' applikazzjonijiet approvati taħt l-iskema b'investiment, il-fondi ta' investiment li għalihom sal-lum ġew approvati applikazzjonijiet taħt l-IIP, l-erba' opzjonijiet ta' investiment disponibbli taħt il-programm, l-ammont ta' flus investiti fl-iskema b'investiment, il-membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni.

112 Ċipru, l-Ungerija, Malta.

113 L-Ungerija, Malta.

114 Il-kumpaniji li rċevew awtorizzazzjoni kienu jinsabu fil-pajjiżi li ġejjin: Grand Cayman (Hungary State Special Debt Fund), Malta (Discus Holdings Ltd.), Ċipru (Migrat Immigration Asia Ltd., Innozone Holdings Limited), l-Ungerija (Arton Capital Hungary), ir-Russja (VolDan Investments Limited), il-Liechtenstein (S & Z Program Limited), u Singapore (Euro-Asia Investment Management Pte Ltd.).

mwettqa fil-qafas tal-iskema u jistgħu jiżguraw fuq bażi regolari monitoraġġ *ex-post* dwar il-konformità ma' dawn il-kriterji (b'mod partikolari tal-investiment).

Barra minn hekk, karatteristika ta' dawn l-iskemi hija l-użu ta' impriżi li jagħtu pariri lill-gvernijiet dwar l-operat tal-iskema jew li jwettqu kompiti proattivi li jinvolvu l-eżerċizzju tas-setgħat ta' awtorità pubblika biex jiġu ġestiti skemi bħal dawn, iżda fl-istess ħin jagħtu parir lill-individwi dwar l-applikazzjonijiet tagħhom għall-iskema. Fl-ebda wieħed mill-Istati Membri studjati, kemm jekk għal skemi ta' ċittadinanza kif ukoll jekk għal skemi ta' residenza, ma hemm mekkaniżmu li jittratta r-riskju ta' kunflitt ta' interess li jista' jirriżulta minn din is-sitwazzjoni. Is-sorveljanza tal-intermedjarji l-oħra kollha hija importanti wkoll. Minħabba s-sinifikat tad-drittijiet taċ-ċittadinanza u tar-residenza, jista' jkun mistenni li l-eżami tal-applikazzjonijiet, l-intervisti u kwalunkwe attività oħra ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew ta' skrinjar dejjem isiru mill-awtoritajiet tal-gvern, bħala parti mill-ħtieġa ġenerali għal sorveljanza effettiva u indipendenti fuq l-iskemi u l-atturi kollha involuti.

Iċ-ċarezza fil-proċeduri u fir-responsabbiltajiet, flimkien mat-trasparenza permezz ta' monitoraġġ u rappurtar regolari huma l-aħjar mod biex jiġi evitat it-tħassib li jqajmu l-iskemi ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment.

Fir-rigward tal-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment, sabiex tiġi żgurata l-koerenza fil-prattiki tal-Istati Membri u l-iskambju effiċjenti ta' informazzjoni, inkluż fir-rigward ta' konsultazzjoni minn qabel għal raġunijiet ta' sigurtà, jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema għall-iskambju tal-informazzjoni u l-istatistika dwar l-għadd ta' applikazzjonijiet riċevuti, aċċettati u miċħuda, kif ukoll konsultazzjoni dwar applikazzjonijiet li ġew miċħuda għal raġunijiet ta' sigurtà. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni beħsiebha twaqqaf grupp ta' esperti mill-Istati Membri biex jeżaminaw ir-riskji speċifiċi li jirriżultaw minn skemi ta' ċittadinanza b'investiment, u biex jiġu indirizzati l-aspetti ta' trasparenza u governanza tajba rigward l-implimentazzjoni kemm tal-iskema ta' ċittadinanza b'investiment kif ukoll ta' residenza b'investiment. B'mod aktar speċifiku, il-grupp ta' esperti jenħtieġ li jiżviluppa sett komuni ta' kontrolli tas-sigurtà għall-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment sal-aħħar tal-2019, inklużi proċeduri speċifiċi għall-ġestjoni tar-riskju li jieħdu inkonsiderazzjoni r-riskji għas-sigurtà, il-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa u r-riskji ta' korruzzjoni.

5. Id-dimensjoni esterna

Hemm ukoll xejra li qed tiżdied f'pajjiżi terzi li jistabbilixxu skemi fejn l-investituri jistgħu jixtru ċ-ċittadinanza, li jista' jkollha implikazzjonijiet għall-UE.

5.1. Pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali

Minħabba l-prospett ta' ċittadinanza tal-Unjoni fil-futur ta' ċittadini ta' pajjiżi kandidati u ta' kandidati potenzjali[115], iċ-ċittadinanza f'dawn il-pajjiżi ssir dejjem aktar attraenti għall-investituri. Dan diġà huwa l-każ matul il-proċess ta' adeżjoni meta pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali jiżviluppaw relazzjonijiet aktar mill-qrib mal-UE u jistgħu jiksbu d-dritt għaċ-ċittadini tagħhom biex jidħlu fiż-żona Schengen mingħajr viża għal soġġorni qosra[116].

---

[115] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/countries/check-current-status_en

[116] Iċ-ċittadini tal-Montenegro, tas-Serbja u tal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, sa minn Diċembru 2009, jistgħu jivvjaġġaw lejn l-UE mingħajr viża. Għaċ-ċittadini tal-Albanija u tal-Bożnija-Ħerzegovina,

Teżisti skema ta' ċittadinanza b'investiment fit-Turkija[117] filwaqt li fil-Montenegro, it-tħejjijiet għall-implimentazzjoni ta' tali skema, li ġiet adottata f'Novembru 2018, ġew imnedija f'Jannar 2019[118].

Sabiex jiġi evitat li tali skemi jikkawżaw riskji fl-oqsma msemmija fit-Taqsima 4.1 hawn fuq, se jiġu inklużi l-kundizzjonijiet li jirrigwardaw l-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment bħala parti mill-proċess ta' adeżjoni mal-UE (mill-opinjoni dwar l-applikazzjoni ta' pajjiż għas-sħubija, sal-għeluq tan-negozjati). Il-pajjiżi kkonċernati se jkunu mistennija li jkollhom fis-seħħ sistemi ta' monitoraġġ robusti, inklużi sistemi li jilqgħu kontra r-riskji possibbli għas-sigurtà bħall-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu, il-korruzzjoni u l-infiltrazzjoni tal-kriminalità organizzata li jkunu marbutin ma' kwalunkwe skema bħal din.

Fir-rigward tal-**pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali**, il-Kummissjoni se żżomm taħt monitoraġġ l-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment fil-kuntest tal-proċess ta' adeżjoni mal-UE.

5.2. Pajjiżi terzi oħra li jgawdu minn aċċess mingħajr viża għall-UE

L-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment mmexxija minn pajjiżi terzi jistgħu jkunu problematiċi għal diversi raġunijiet jekk iċ-ċittadinanza inkwistjoni tagħti aċċess mingħajr viża għall-Unjoni Ewropea għal soġġorni qosra. Pereżempju, ir-Repubblika tal-Moldova, li ċ-ċittadini tagħha sa mill-2014 gawdew minn sistema ta' vjaġġar mingħajr viża għal soġġorni qosra fl-UE, introduċiet skema ta' ċittadinanza b'investiment fl-2018[119]. Xi pajjiżi terzi, jew il-kuntratturi li jappoġġawhom, espliċitament ikkummerċjalizzaw iċ-ċittadinanza tagħhom bl-argument li tagħti aċċess mingħajr viża għall-Unjoni Ewropea. L-investituri interessati f'dawn l-iskemi spiss ikunu ċittadini sinjuri ta' pajjiżi li jeħtieġu l-viża, li jistgħu jużaw skemi bħal dawn biex jevitaw il-proċedura regolari tal-viża ta' Schengen u l-valutazzjoni fil-fond tar-riskji migratorji u ta' sigurtà individwali li din tinvolvi, inkluża l-possibbiltà li jiġu evitati l-miżuri biex jiġu evitati l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

---

dan sar possibbli mill-aħħar tal-2010. Fir-rigward tad-djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża mal-Kosovo* mniedi fid-(19 ta' Jannar 2012), il-Kummissjoni rrappurtat fl-2018 li l-parametri referenzjarji kollha stabbiliti kienu ġew issodisfati (*din il-pożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244(1999) u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo). Fir-rigward tad-djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża mat-Turkija (imniedi fis-16 ta' Diċembru 2013), il-Kummissjoni tkompli tappoġġa lit-Turkija biex tissodisfa s-seba' parametri referenzjarji li fadal.

117 Ir-Regolament dwar l-Applikazzjoni tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Torka (il-Gazzetta Uffiċjali tas-6 ta' April 2010, 27544), kif emendat bir-Regolament dwar il-Bidliet fir-Regolament dwar l-Applikazzjoni tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Torka (Il-Gazzetta Uffiċjali tat-12 ta' Jannar 2017, 29946) u bid-Digriet Presidenzjali Nru 106 (Il-Gazzetta Uffiċjali tad-19 ta' Settembru 2018, 30540).

118 Id-Deċiżjoni tat-22 ta' Novembru 2018 dwar il-kriterji, il-metodu u l-proċedura għall-għażla ta' persuni li jistgħu jiksbu ċittadinanza Montenegrina b'ammissjoni għall-finijiet ta' implimentazzjoni ta' programmi ta' investiment speċjali ta' importanza speċjali għall-interessi kummerċjali u ekonomiċi tal-Montenegro http://www.gov.me/ResourceManager/FileDownload.aspx?rId=344979&rType=2

119 Il-programm *Moldova Citizenship-by-Investment (MCBI)* huwa rregolat mil-Liġi Nru 1024 tat-2 ta' Ġunju 2000 "dwar iċ-ċittadinanza tar-Repubblika tal-Moldova" u d-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 786 tal-4 ta' Ottubru, 2017 "dwar l-akkwist ta' ċittadinanza permezz ta' investiment". Fit-6 ta' Novembru, ġie mniedi uffiċjalment il-programm Moldova Citizenship-by-Investment fit-12-il Konferenza dwar ir-Residenza u ċ-Ċittadinanza Globali li saret f'Dubai.

Filwaqt li l-Unjoni Ewropea tirrispetta d-dritt tal-pajjiżi sovrani li jiddeċiedu dwar il-proċeduri ta' naturalizzazzjoni tagħhom stess, l-aċċess mingħajr viża għall-Unjoni jenħtieġ li ma jintużax bħala għodda biex isseħħ pressjoni għal investiment individwali biex tingħata ċ-ċittadinanza[120]. L-implimentazzjoni ta' skemi bħal dawn se titqies kif xieraq meta jiġu vvalutati pajjiżi terzi li jistgħu jiġu kkunsidrati minħabba sistema ta' vjaġġar mingħajr viża fl-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-pajjiżi terzi li diġà jgawdu minn status ta' vjaġġar mingħajr viża għandhom iwettqu kontrolli tas-sigurtà u dwar l-isfond tal-applikanti għal skemi ta' ċittadinanza tal-ogħla standards possibbli; kwalunkwe falliment f'dan ir-rigward jista' jkun ir-raġuni biex jiġi impost mill-ġdid ir-rekwiżit tal-viża u s-sospensjoni jew it-terminazzjoni ta' ftehimiet ta' eżenzjoni mill-viża.

Il-Kummissjoni se żżom taħt monitoraġġ l-impatt tal-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment implimentati minn **pajjiżi li ma jeħtiġux viża** bħala parti mill-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-viża.

6. Konklużjonijiet

L-iskemi ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment joħolqu riskji għall-Istati Membri u għall-Unjoni kollha kemm hi, inkluż f'termini ta' sigurtà, ħasil tal-flus, korruzzjoni, evażjoni tar-regoli tal-UE u evażjoni tat-taxxa.

Ir-riskji msemmija hawn fuq ikomplu jiġu aċċentwati aktar permezz tan-nuqqasijiet fit-**trasparenza u l-governanza** ta' skemi bħal dawn. L-istudju kkummissjonat mill-Kummissjoni juri li l-informazzjoni disponibbli kemm dwar iċ-ċittadinanza b'investiment kif ukoll ir-residenza b'investiment mħaddma mill-Istati Membri mhix kompluta. Pereżempju, statistika ċara dwar kemm applikazzjonijiet daħlu, ġew aċċettati u rrifjutati hija nieqsa jew mhix biżżejjed. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda mekkaniżmu li jiżgura kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar l-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment, b'mod partikolari dwar il-kontrolli tas-sigurtà. Il-Kummissjoni għandha tħassib dwar ir-riskji intrinsiċi fl-iskemi ta' ċittadinanza u ta' residenza b'investiment u dwar il-fatt li r-riskji mhux dejjem jittaffew b'mod suffiċjenti mill-miżuri meħuda mill-Istati Membri.

Il-Kummissjoni se żżomm taħt monitoraġġ il-passi li ttieħdu mill-Istati Membri biex jiżguraw it-trasparenza u l-governanza tajba fl-implimentazzjoni tal-iskemi, bil-ħsieb li jiġu indirizzati b'mod partikolari r-riskji ta', infiltrazzjoni fl-ekonomija ta' gruppi ta' kriminalità organizzata mhux fl-UE, il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni u l-evażjoni tat-taxxa. Bl-għan li l-Istati Membri jtejbu t-trasparenza u l-governanza tal-iskemi, il-Kummissjoni se tistabbilixxi grupp ta' esperti biex tkompli tindirizza l-kwistjonijiet ta' trasparenza, governanza u sigurtà.

Il-Kummissjoni se żżomm taħt monitoraġġ kwistjonijiet usa' ta' konformità mal-liġi tal-UE li l-iskemi jqajmu, u se tieħu l-azzjoni meħtieġa skont kif ikun xieraq.

120 Pereżempju ara: https://vic.vu/citizenship/ ("Il-benefiċċji ewlenin taċ-ċittadinanza ta' Vanuatu").